

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

P9_TA(2022)0367

Fjuwils marittimi sostenibbli (Inizjattiva FuelEU Maritime) *I**

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fid-19 ta' Ottubru 2022 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (COM(2021)0562 – C9-0333/2021 – 2021/0210(COD))⁽¹⁾

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2023/C 149/13)

Emenda 1**Proposta għal regolament****Premessa 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (1) It-trasport marittimu jirrappreżenta madwar 75 % tal-kummerċ barrani tal-UE u 31 % tal-kummerċ intern tal-UE f'termini ta' volum. **Fl-istess ħin, it-traffiku tal-vapuri lejn jew mill-portijiet fiż-Żona Ekonomika Ewropea jirrappreżenta madwar 11 % tal-emissjonijiet tas-CO₂, kollha tal-UE mit-trasport u 3-4 % tal-emissjonijiet tas-CO₂ totali tal-UE.** 400 miljun passiġġier jimbarkaw jew jiżbarkaw kull sena f'portijiet tal-Istati Membri, inklużi madwar 14-il miljun fuq vapuri tal-kruċiera. Għalhekk, it-trasport marittimu huwa komponent essenzjali tas-sistema ta' trasport tal-Ewropa u għandu rwol kritiku għall-ekonomija Ewropea. Is-suq tat-trasport marittimu huwa soġġett għal kompetizzjoni qawwija bejn atturi ekonomiċi fl-Unjoni u lil hinn minnha, li għalihom huma indispensabbli kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. L-istabbiltà u l-prosperità tas-suq tat-trasport marittimu u tal-atturi ekonomiċi tiegħu jiddependu minn qafas ta' politika ċar u armonizzat fejn l-operaturi fit-trasport marittimu, il-portijiet u atturi oħra fis-settur jistgħu joperaw abbażi ta' opportunitajiet indaqs. **Fejn iseħħu** distorsjonijiet tas-suq, dawn jirriskjaw li jqiegħdu lill-operaturi tal-vapuri jew lill-portijiet fi żvantaġġ meta mqabbla mal-kompetituri fis-settur tat-trasport marittimu jew f'setturi oħra tat-trasport. **Min-naħa tiegħu, dan** jista' jirriżulta f'telf ta' kompetittività tal-industrija tat-trasport marittimu, u f'telf ta' konnettività għaċ-ċittadini u għan-negozji

- (1) It-trasport marittimu jirrappreżenta madwar 75 % tal-kummerċ barrani tal-UE u 31 % tal-kummerċ intern tal-UE f'termini ta' volum. 400 miljun passiġġier jimbarkaw jew jiżbarkaw kull sena f'portijiet tal-Istati Membri, inklużi madwar 14-il miljun fuq vapuri tal-kruċiera. Għalhekk, it-trasport marittimu huwa komponent essenzjali tas-sistema ta' trasport tal-Ewropa u għandu rwol kritiku għall-ekonomija Ewropea. Is-suq tat-trasport marittimu huwa soġġett għal kompetizzjoni qawwija bejn atturi ekonomiċi fl-Unjoni u lil hinn minnha, li għalihom huma indispensabbli kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni **globali**. L-istabbiltà u l-prosperità tas-suq tat-trasport marittimu u tal-atturi ekonomiċi tiegħu jiddependu minn qafas ta' politika ċar u armonizzat fejn l-operaturi fit-trasport marittimu, il-portijiet u atturi oħra fis-settur jistgħu joperaw abbażi ta' opportunitajiet indaqs. **Meta jseħħu** distorsjonijiet tas-suq, dawn jirriskjaw li jqiegħdu lill-operaturi tal-vapuri jew lill-portijiet fi żvantaġġ meta mqabbla mal-kompetituri fis-settur tat-trasport marittimu jew f'setturi oħra tat-trasport. **Dan, imbagħad,** jista' jirriżulta f'telf ta' kompetittività tal-industrija tat-trasport marittimu, **fin-qas impjegi** u f'telf ta' konnettività għaċ-ċittadini u għan-negozji.

⁽¹⁾ Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu (A9-0233/2022).

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 2
Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (1a) *Is-settur marittimu jimpjega żewġ miljun Ewropew u jikkontribwixxi EUR 149 biljun għall-ekonomija. Għal kull EUR 1 miljun iġġenerati fl-industrija tat-tbaħħir, EUR 1,8 miljun jiġu ġġenerati xi mkien ieħor fl-ekonomija tal-UE ^(1a).*

- (^{1a}) *Ir-rapport tal-European Community Shipowners' Associations "The Economic Value of the EU Shipping Industry" (Il-Valur Ekonomiku tal-Industrija tat-Tbaħħir tal-UE), 2020.*

Emenda 3
Proposta għal regolament
Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (1b) *It-trasport marittimu huwa l-mod ta' trasport l-aktar ekoloġiku, bi kwantità konsiderevolment aktar baxxa f'termini ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għal kull tunnellata ta' merkanzija ttrasportata meta mqabbel ma' modi oħrajn ^(1a). Fl-istess ħin, it-traffiku tal-vapuri lejn il-portijiet fiż-Żona Ekonomika Ewropea jew minnhom jirrappreżenta madwar 11 % tal-emissjonijiet tas-CO₂ kollha tal-UE mit-trasport u 3 sa 4 % tal-emissjonijiet tas-CO₂ totali tal-UE. L-emissjonijiet tas-CO₂ mit-trasport marittimu mistennija jiżdiedu, sakemm ma titteħidx azzjoni ulterjuri. Is-setturi kollha tal-ekonomija jridu jikkontribwixxu għat-tnaqqis rapidu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra biex tinkiseb newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 kif minqux fir-Regolament (UE) 2021/1119. Għalhekk huwa essenzjali li l-Unjoni tistabbilixxi perkors ambizzjuż għat-tranżizzjoni ekoloġika rapida tas-settur marittimu, peress li dan jikkontribwixxi wkoll għaż-żamma u l-promozzjoni ulterjuri tar-rwol ta' tmexxija globali tagħha fit-teknoloġiji, is-servizzi u s-soluzzjonijiet ekoloġiċi, u biex ikompli jiġi stimulat il-ħolqien tal-impjiegi fil-ktajjen tal-valur relatati filwaqt li tinżamm il-kompetittività.*

- (^{1a}) *Studju tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, 2020, <https://www.eea.europa.eu/publications/rail-and-waterborne-transport>*

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 4
Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

- (2) Biex jissaħħa l-impenn klimatiku tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi u jiġu stabbiliti l-passi li għandhom jittieħdu biex tinkiseb in-newtralità klimatika **sal-2050**, u biex l-impenn politiku jissarraff f'obbligu legali, il-Kummissjoni adottat il-proposta (emendata) għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-qafas għall-kisba tan-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1999 (il-Liġi Ewropea dwar il-Klima) ⁽¹⁹⁾, kif ukoll il-Komunikazzjoni "It-Tisħiħ tal-Ambizzjoni Klimatika tal-Ewropa għall-2030" ⁽²⁰⁾. Dan jintegra wkoll il-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) b'mill-inqas 55 % sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Għaldaqstant, huma meħtieġa diversi strumenti ta' politika komplementari biex **jiġi mmotivat** l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju prodotti b'mod sostenibbli, **inklużi** fis-settur tat-trasport marittimu. L-iżvilupp u l-varar tat-teknoloġija meħtieġa jridu **jseħħu** sal-2030 biex minn hemm 'il quddiem issir tħejjija għal bidla ħafna aktar rapida.

⁽¹⁹⁾ COM(2020)0563

⁽²⁰⁾ COM(2020)0562

Emenda

- (2) Biex jissaħħa l-impenn klimatiku tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi u jiġu stabbiliti l-passi li għandhom jittieħdu biex tinkiseb in-newtralità klimatika **sa mhux aktar tard mill-2050**, u biex l-impenn politiku jissarraff f'obbligu legali, il-Kummissjoni adottat il-proposta (emendata) għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-qafas għall-kisba tan-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1999 (il-Liġi Ewropea dwar il-Klima) ⁽¹⁹⁾, kif ukoll il-Komunikazzjoni "It-Tisħiħ tal-Ambizzjoni Klimatika tal-Ewropa għall-2030" ⁽²⁰⁾. Dan jintegra wkoll il-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) b'mill-inqas 55 % sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Għaldaqstant, huma meħtieġa diversi strumenti ta' politika komplementari biex **jippromwovu u jħaffu l-produzzjoni fuq skala kbira u** l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju prodotti b'mod sostenibbli, **inkluż** fis-settur tat-trasport marittimu, **filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika**. L-iżvilupp u l-varar tat-teknoloġija meħtieġa **jenħtieġ li jiġu appoġġati mill-aktar fis possibbli u** jridu **jkunu fis-seħħ** sal-2030 biex minn hemm 'il quddiem issir tħejjija għal bidla ħafna aktar rapida. **Huwa essenzjali wkoll li titrawwem l-innovazzjoni u li tiġi appoġġata r-riċerka għal innovazzjoni emerġenti u futura bħall-fjuwils alternattivi emerġenti, l-ekodisinn, il-materjali b'bażi bijoloġika, il-propulsjoni tar-riħ u l-propulsjoni assistita mir-riħ.**

⁽¹⁹⁾ COM(2020)0563

⁽²⁰⁾ COM(2020)0562

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 5
Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (2a) *L-LNG x'aktarx li jkollu rwol tranżizzjonali fit-trasport marittimu, u jippermetti tranżizzjoni gradwali lejn alternattivi b'emissjonijiet żero, speċjalment fejn bħallissa ma hemm l-ebda teknoloġija disponibbli tal-motopropulsjoni b'emissjonijiet żero ekonomikament vijabbli. Il-Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti tindika li l-vapuri li jbaħħru b'emissjonijiet żero se jkunu lesti għas-suq sal-2030. Il-konverżjoni tal-flotta jenħtieġ li sseħħ gradwalment minħabba l-ħajja twila tal-vapuri. Il-fjuwils tat-trasport bħal-LNG jeħtieġ li jiġu dekarbonizzati dejjem aktar bit-taħlit bil-bijometan likwifikat (bijo-LNG) jew b'e-fjuwils gassużi sintetiċi rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (e-gass), pereżempju.*

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 6
Proposta għal regolament

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

- (3) Fil-kuntest tat-tranżizzjoni tal-fjuwils lejn fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u sorsi alternattivi tal-enerġija, huwa essenzjali li jiġu żgurati l-funzjonament xieraq u l-kompetizzjoni ġusta fis-suq tat-trasport marittimu tal-UE fir-rigward tal-fjuwils tal-baħar, li jirrappreżentaw sehem sostanzjali mill-kostijiet tal-operaturi tal-vapuri. Id-differenzi fir-rekwiżiti tal-fjuwils madwar l-Istati Membri tal-Unjoni jistgħu jaffettwaw b'mod sinifikanti l-prestazzjoni ekonomika tal-operaturi tal-vapuri u jkollhom impatt negattiv fuq il-kompetizzjoni fis-suq. Minħabba n-natura internazzjonali tat-tbaħħir, l-operaturi tal-vapuri jistgħu jwettqu bunkering faċilment f'pajjiżi terzi u jittrasportaw ammonti kbar ta' fjuwil. Dan jista' jwassal għal **rilokazzjoni** tal-emissjonijiet tal-karbonju u għal effetti detrimentali fuq il-kompetittività tas-settur jekk id-disponibbiltà ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fil-portijiet marittimi taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru ma tkunx akkumpanjata minn rekwiżiti għall-użu tagħhom li japplikaw għall-operaturi kollha tal-vapuri li jkunu qed jaslu u jtilqu minn portijiet taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi miżuri biex jiġi żgurat li l-penetrazzjoni tal-fjuwils rinnovabbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-suq tal-fjuwils tal-baħar isseħħ skont il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta fis-suq tat-trasport marittimu tal-UE.

Emenda

- (3) Fil-kuntest tat-tranżizzjoni tal-fjuwils lejn fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u sorsi alternattivi tal-enerġija, huwa essenzjali li jiġu żgurati l-funzjonament xieraq u l-kompetizzjoni ġusta fis-suq tat-trasport marittimu tal-UE fir-rigward tal-fjuwils tal-baħar, li jirrappreżentaw sehem sostanzjali mill-kostijiet tal-operaturi tal-vapuri – **normalment bejn 35 % u 53 % tan-nollijiet tat-tbaħħir. Għalhekk, il-miżuri ta' politika jridu jkunu kosteffettivi u jkollhom l-għan li jiġġeneraw l-akbar dekarbonizzazzjoni possibbli bl-inqas kost possibbli.** Id-differenzi fir-rekwiżiti tal-fjuwils madwar l-Istati Membri tal-Unjoni jistgħu jaffettwaw b'mod sinifikanti l-prestazzjoni ekonomika tal-operaturi tal-vapuri u jkollhom impatt negattiv fuq il-kompetizzjoni fis-suq. Minħabba n-natura internazzjonali tat-tbaħħir, l-operaturi tal-vapuri jistgħu jwettqu bunkering faċilment f'pajjiżi terzi u jittrasportaw ammonti kbar ta' fjuwil, **u dan jista' jikkontribwixxi wkoll għal riskju ta' telf ta' kompetittività tal-portijiet tal-Unjoni fil-konfront ta' portijiet mhux tal-Unjoni.** Dan jista' jwassal għal **rilokazzjonijiet** tal-emissjonijiet tal-karbonju **u tan-negozji** u għal effetti detrimentali fuq il-kompetittività tas-settur jekk id-disponibbiltà ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fil-portijiet marittimi taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru ma tkunx akkumpanjata minn rekwiżiti għall-użu tagħhom li japplikaw għall-operaturi kollha tal-vapuri li jkunu qed jaslu u jtilqu minn portijiet taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi miżuri biex jiġi żgurat li l-penetrazzjoni tal-fjuwils rinnovabbli **u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-suq tal-fjuwils tal-baħar isseħħ skont il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta fis-suq tat-trasport marittimu tal-UE, u dan jipprovi lill-operaturi tat-tbaħħir opzjoni ta' tnaqqis tal-emissjonijiet b'kost aktar baxx. Id-disponibbiltà ta' tali opzjoni hija essenzjali biex tiġi ggarantita l-kompetittività tal-industriji tat-tbaħħir Ewropej u r-rilevanza tar-rotot loġistiċi li jgħaqqdu l-portijiet Ewropej mal-kummerċ globali.**

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 7
Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (3a) *Is-settur marittimu huwa kkaratterizzat minn kompetizzjoni internazzjonali ħarxa. Id-differenzi kbar fil-piżijiet regolatorji bejn l-Istati tal-bandiera aggrawaw prattiki mhux mixtieqa bħall-bdil tal-bandiera tal-bastimenti. Il-karattru globali intrinsiku tas-settur jissottolinja l-importanza ta' approċċ newtrali f'termini ta' bandiera u ta' ambjent regolatorju favorevoli, li huwa prekundizzjoni biex jiġu attirati investimenti ġodda u tiġi ssalvagwardjata l-kompetittività tal-portijiet u tas-sidien u l-operaturi tal-vapuri Ewropej.*

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 8
Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4) Sabiex jiġi prodott effett fuq l-attivitajiet kollha tas-settur tat-trasport marittimu, jixraq li dan ir-Regolament ikopri sehem mill-vjaġġi bejn port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u port taħt il-ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz. Dan ir-Regolament jenħtieġ li għalhekk japplika għal nofs l-enerġija użata minn vapur li jwettaq vjaġġi li jaslu f'port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru minn port barra mill-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, nofs l-enerġija użata minn vapur li jwettaq vjaġġi li jtilqu minn port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u li jaslu f'port barra mill-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, l-enerġija kollha użata minn vapur li jwettaq vjaġġi li jaslu f'port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru minn port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, u l-enerġija użata waqt l-irmiġġ f'port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru. Din il-kopertura ta' sehem mill-enerġija użata minn vapur fi vjaġġi kemm deħlin kif ukoll ħerġin bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi tiżgura l-effettività ta' dan ir-Regolament, inkluż billi żżid l-impatt pożittiv fuq l-ambjent ta' dan il-qafas. **Fl-istess ħin, dan il-qafas** jillimita r-riskju ta' waqfiet evażivi f'port u r-riskju ta' delokalizzazzjoni tal-attivitajiet ta' trazzbord barra mill-Unjoni. Sabiex jiġu żgurati tħaddim mingħajr xkiel tat-traffiku marittimu, kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fost l-operaturi tat-trasport marittimu u fost il-portijiet, u jiġu evitati distorsjonijiet fis-suq intern, il-vjaġġi kollha li jaslu jew jtilqu minn portijiet taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri, kif ukoll is-soġġorn ta' vapuri f'dawk il-portijiet jenħtieġ li jkunu koperti **minn regoli** uniformi li jinsabu f'dan ir-Regolament.

(4) Sabiex jiġi prodott effett fuq l-attivitajiet kollha tas-settur tat-trasport marittimu, jixraq li dan ir-Regolament ikopri sehem mill-vjaġġi bejn port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u port taħt il-ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz. Dan ir-Regolament jenħtieġ li għalhekk japplika għal nofs l-enerġija użata minn vapur li jwettaq vjaġġi li jaslu f'port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru minn port barra mill-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, nofs l-enerġija użata minn vapur li jwettaq vjaġġi li jtilqu minn port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u li jaslu f'port barra mill-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, l-enerġija kollha użata minn vapur li jwettaq vjaġġi li jaslu f'port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru minn port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, u l-enerġija użata waqt l-irmiġġ f'port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru. Din il-kopertura ta' sehem mill-enerġija użata minn vapur fi vjaġġi kemm deħlin kif ukoll ħerġin bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi tiżgura l-effettività ta' dan ir-Regolament, inkluż billi żżid l-impatt pożittiv fuq l-ambjent ta' dan il-qafas. **Dan il-qafas jenħtieġ li** jillimita r-riskju ta' waqfiet evażivi f'port u r-riskju ta' delokalizzazzjoni tal-attivitajiet ta' trazzbord barra mill-Unjoni. Sabiex jiġu żgurati tħaddim mingħajr xkiel tat-traffiku marittimu, kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fost l-operaturi tat-trasport marittimu u fost il-portijiet, u jiġu evitati distorsjonijiet fis-suq intern, il-vjaġġi kollha li jaslu jew jtilqu minn portijiet taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri, kif ukoll is-soġġorn ta' vapuri f'dawk il-portijiet jenħtieġ li jkunu koperti **mir-regoli** uniformi li jinsabu f'dan ir-Regolament. **Il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi skema ta' monitoraġġ speċifikament biex tivvaluta r-rilokazzjonijiet tal-emissjonijiet tal-karbonju u tan-negożji, kif ukoll il-prattiki evażivi potenzjali, u tabbozza lista ta' attivitajiet kummerċjali potenzjali li ma jaqgħux taħt attivitajiet kummerċjali sinifikanti mwettqa f'waqfiet f'portijiet ġirien tal-UE. Meta tagħmel dan, jekk jiġu rrapportati rilokazzjonijiet sinifikanti tal-emissjonijiet tal-karbonju u tan-negożji kif ukoll Prattiki evażivi, il-Kummissjoni jenħtieġ li ttipponi miżuri biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet.**

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 9
Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (4a) *Minħabba li dan ir-Regolament se jimponi kostijiet ta' konformità addizzjonali fuq is-settur, jeħtieġ li jittieħdu azzjonijiet ta' kumpens sabiex jiġi evitat li jiżded il-livell totali tal-piż regolatorju. Għalhekk jenħtieġ li, qabel l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tippreżenta proposti li jikkumpensaw għall-piżijiet regolatorji introdotti minn dan ir-Regolament, permezz tal-emenda jew it-tneħħija ta' dispożizzjonijiet f'atti leġiżlattivi oħra tal-Unjoni li jġġeneraw piżijiet regolatorji fis-settur marittimu.*

Emenda 10
Proposta għal regolament
Premessa 4b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (4b) *Sabiex jiġi żgurat il-grad meħtieġ ta' ċertezza legali u ta' investment, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun allinjat mill-qrib u konsistenti mar-Regolament XXXX-XXX (ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi), mad-Direttiva 2003/87/KE (EU ETS), mad-Direttiva XXXX-XXX (id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli), u mad-Direttiva 2003/96/KE (id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija). Tali allinjament jenħtieġ li jirriżulta f'qafas leġiżlattiv koerenti għas-settur tat-tbajhir, li jikkontribwixxi għal żieda sinifikanti fil-produzzjoni ta' fjuwils alternattivi sostenibbli, jiżgura l-varar tal-infrastruttura meħtieġa u jinċentiva l-użu ta' dawn il-fjuwils f'shem dejjem jikber ta' bastimenti. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza ġenerali mal-miri klimatiċi, tal-kompetittività u tat-"tkabbir ekonomiku sostenibbli" tal-Unjoni, jenħtieġ li l-impatti klimatiċi u ekonomiċi globali, ikkombinati u kumulattivi ta' dawk l-atti leġiżlattivi jiġu evalwati b'mod komprensiv u kontinwu.*

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 11
Proposta għal regolament
Premessa 4c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (4c) *L-obbligu tal-portijiet li jfornu provvista tal-enerġija fuq l-art jenħtieġ li jkun akkumpanjat b'obbligu korrispondenti għall-vapuri li jikkonnettjaw mal-infrastruttura tal-iċċarġjar imfassla biex twassal dik il-provvista tal-enerġija waqt li jkunu rmiġġati, sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' dik l-infrastruttura u jiġi evitat ir-riskju ta' assi mhux rekuperabbli. Barra minn hekk, jenħtieġ li jsiru sforzi biex jitnaqqsu l-kostijiet assoċjati mal-iċċarġjar fuq l-art billi l-elettriku fornut lill-bastimenti fil-port jiġi eżentat b'mod permanenti mit-tassazzjoni permezz ta' emendi għad-Direttiva XXXX-XXXX (id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija).*

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 12
Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (5a) *Biż-żieda fil-kostijiet tat-tbajhir għall-bastimenti li ma jikkonformawx mar-rekwiżit ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġi indirizzat ir-riskju ta' mgħiba evażiva u ċirkonvenzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari b'rabta mat-taqsimha tal-kummerċ tal-kontejners tal-linja. Il-waqfiet fil-port f'dawk il-portijiet fil-viċinanza tal-Unjoni sabiex jiġu limitati l-kostijiet tal-konformità ma' dan ir-Regolament mhux biss inaqqsu l-benefiċċji ambjentali mistennija u jimminaw b'mod sinifikanti l-oġġettivi segwiti minn dan ir-Regolament, iżda jistgħu jwasslu għal emissjonijiet addizzjonali minħabba d-distanza żejda vvaġġata biex tiġi evitata l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għalhekk huwa xieraq li ċerti waqfiet f'portijiet mhux tal-Unjoni jiġu esklużi mill-kunċett ta' port tal-waqfa. Jenħtieġ li dik l-esklużjoni tkun immirata lejn portijiet fil-viċinanza tal-Unjoni fejn ir-riskju ta' evażjoni huwa l-akbar. Limitu ta' 300 mil nawtiku jikkostitwixxi rispons proporzjonat għal dak ir-riskju, u jibbilanċja l-piż addizzjonali u r-riskju ta' evażjoni. Barra minn hekk, l-esklużjoni mill-kunċett ta' port tal-waqfa jenħtieġ li tkun immirata biss lejn vapuri tal-kontejners u portijiet li l-attività ewlenija tagħhom hija t-trażbord tal-kontejners. Għal tali vjeġġi r-riskju ta' evażjoni jikkonsisti wkoll f'ċaqliq tal-hub portwarju lejn portijiet barra mill-Unjoni u dan jaggrava l-effetti tal-evażjoni. Għal din ir-raġuni, u fin-nuqqas ta' skema obbligatorja tal-IMO dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju għal vjaġġi internazzjonali fil-livell globali b'livell simili ta' ambizzjoni meta mqabbel mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-waqfiet ta' vapuri tal-kontejners f'port ġar tat-trażbord ta' kontejners ma jitqisux bħala waqfiet f'portijiet tal-waqfa fis-sens ta' dan ir-Regolament. Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tkun proporzjonali għall-oġġettivi segwiti u tirriżulta fi trattament ugwali, jenħtieġ li jitqiesu l-miżuri fpajjiżi terzi li jkollhom effett ekwivalenti għal dan ir-Regolament.*

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 13
Proposta għal regolament
Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (5b) *Sabiex jitqiesu s-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni insulari, kif issottolinjat fl-Artikolu 174 tat-Trattat, u l-ħtieġa li tiġi ppreservata l-konnettività bejn il-gżejjer u r-reġjuni periferiċi mar-reġjuni ċentrali tal-Unjoni, jenħtieġ li jkunu permessi eżenzjonijiet temporanji għal vjaġġi mwettqa minn vapuri tal-pas-siġġieri għajr vapuri tal-kruċiera bejn port tal-waqfa taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u port tal-waqfa taħt il-ġurisdizzjoni tal-istess Stat Membru li jkun jinsab fi gżira b'inqas minn 100 000 resident permanenti.*

Emenda 14
Proposta għal regolament
Premessa 5c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (5c) *Filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-pożizzjoni remota u l-insularità tagħhom, u r-restrizzjonijiet li huma soġġetti għalihom, jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni speċjali lill-preservazzjoni tal-aċċessibilità tagħhom, u l-kapaċità ta' konnessjoni magħhom b'mod effiċjenti permezz tat-trasport marittimu. Għalhekk, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi inkluża biss nofs l-enerġija użata fuq vjaġġi li jtilqu minn port tal-waqfa jew li jaslu fih u li jkun jinsab f'reġjun ultraperiferiku. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li jkunu permessi eżenzjonijiet temporanji għal vjaġġi bejn port tal-waqfa li jinsab f'reġjun ultraperiferiku u port tal-waqfa ieħor li jinsab f'reġjun ultraperiferiku, u għall-enerġija użata matul is-soġġorn tagħhom fil-portijiet tal-waqfa tar-reġjuni ultraperiferiċi korrispondenti.*

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 15
Proposta għal regolament
Premessa 5d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (5d) *Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-vapuri, inklużi dawk mibnija biex joperaw f'ilmijiet miksija bis-silġ fi triqthom lejn, minn jew bejn portijiet tal-Istati Membri, jenħtieġ li titqies l-informazzjoni speċifika relatata mal-klassi tas-silġ ta' vapur, u man-navigazzjoni tiegħu minn ġos-silġ, meta jiġi kkalkolat it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fuq bażi individwali għal kull bastiment, kif ukoll fid-data mmonitorjata u rrappurtata abbażi tar-Regolament (UE) 2015/757.*

Emenda 16
Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (6) Il-persuna jew l-organizzazzjoni responsabbli għall-konformità ma' dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun il-kumpanija tat-tbaħħir, iddefinita bħala sid il-vapur jew kwalunkwe organizzazzjoni jew persuna oħra, bħall-maniġer jew in-noleġġatur ta' vapur mingħajr ekwipaġġ, li **jkun assuma r-responsabbiltà** għat-tħaddim tal-vapur minn sid il-vapur u li, meta **jassumi** din ir-responsabbiltà, **ikun qabel li jassumi** d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet kollha imposti mill-Kodiċi Internazzjonali ta' Ġestjoni għall-Operazzjoni Sikura tal-Bastimenti u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis. Din id-definizzjoni hija bbażata fuq id-definizzjoni ta' "kumpanija" fl-Artikolu 3, **il-punt** (d) tar-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²¹⁾, u f'konformità mas-sistema globali għall-ġbir ta' data stabbilita fl-2016 mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO). F'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, il-kumpanija tat-tbaħħir, permezz ta' arranġament kuntrattwali, tista' żżomm lill-entità li tkun direttament responsabbli għad-deċizzjonijiet li jaffettwaw l-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata mill-vapur responsabbli għall-kostijiet ta' konformità skont dan ir-Regolament. Din l-entità normalment tkun l-entità responsabbli għall-għażla tal-fjuwil, tar-rotta u tal-veloċità tal-vapur.

- (6) Il-persuna jew l-organizzazzjoni responsabbli għall-konformità ma' dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun il-kumpanija tat-tbaħħir, iddefinita bħala sid il-vapur jew kwalunkwe organizzazzjoni jew persuna oħra, bħall-maniġer jew in-noleġġatur ta' vapur mingħajr ekwipaġġ, li **tkun assumiet ir-responsabbiltà** għat-tħaddim tal-vapur minn sid il-vapur u li, meta **tassumi** din ir-responsabbiltà, **tkun qablet li tassumi** d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet kollha imposti mill-Kodiċi Internazzjonali ta' Ġestjoni għall-Operazzjoni Sikura tal-Bastimenti u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis. Din id-definizzjoni hija bbażata fuq id-definizzjoni ta' "kumpanija" fl-Artikolu 3, **punt** (d) tar-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²¹⁾, u f'konformità mas-sistema globali għall-ġbir ta' data stabbilita fl-2016 mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO). F'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, il-kumpanija tat-tbaħħir, permezz ta' arranġament kuntrattwali, tista' żżomm lill-entità li tkun direttament responsabbli għad-deċizzjonijiet li jaffettwaw l-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata mill-vapur responsabbli għall-kostijiet ta' konformità skont dan ir-Regolament. Din l-entità normalment tkun l-entità responsabbli għall-għażla tal-fjuwil, tar-rotta u tal-veloċità tal-vapur.

⁽²¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55).

⁽²¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55).

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 17
Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

- (7) Sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv, b'mod partikolari dak ta' operaturi iżgħar, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax għal vapuri tal-injam b'binja primittiva u **għal vapuri li ma jitħaddmux b'mezzi mekkaniċi, u** jiffoka fuq vapuri b'tunnellaġġ gross oġhla minn 5 000. Għalkemm dawn il-vapuri tal-aħħar jirrappreżentaw biss madwar 55 % mill-vapuri kollha li jidħlu fil-portijiet skont ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, huma responsabbli għal 90 % tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju (CO₂) mis-settur marittimu.

Emenda

- (7) Sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv, b'mod partikolari dak ta' operaturi iżgħar, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax għal vapuri tal-injam b'binja primittiva u jiffoka fuq vapuri b'tunnellaġġ gross oġhla minn 5 000. Għalkemm dawn il-vapuri tal-aħħar jirrappreżentaw biss madwar 55 % mill-vapuri kollha li jidħlu fil-portijiet skont ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, huma responsabbli għal 90 % tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju (CO₂) mis-settur marittimu.

Emenda 18
Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (7a) *Sabiex tiġi żgurata l-effettività kontinwa ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja l-funzjonament tiegħu, twettaq valutazzjonijiet tal-impatt fir-rigward tal-limitu ta' tunnellaġġ gross u t-tipi ta' bastimenti koperti minn dan ir-Regolament. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddeċiedi jekk hemmx raġunijiet sinifikanti biex tinkludi vapuri iżgħar u tipi addizzjonali ta' vapuri fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis kunsiderazzjonijiet bħad-disponibbiltà ta' data rilevanti, it-tnaqqis potenzjali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-effettività tat-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni f'termini ta' impatt klimatiku, l-iskala tal-piż amministrattiv, kif ukoll il-konsegwenzi finanzjarji u soċjali tiegħu.*

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 19
Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

- (9) Filwaqt li strumenti bħall-ipprezzar tal-karbonju jew miri dwar l-intensità tal-karbonju ta' attività jippromwovu titjib fl-effiċjenza enerġetika, dawn mhumiex adattati biex iwasslu għal bidla sinifikanti lejn fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fuq terminu qasir u medju. Għalhekk huwa meħtieġ approċċ regolatorju speċifiku ddedikat għall-użu ta' fjuwils tal-baħar rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u ta' sorsi alternattivi tal-enerġija, bħar-riħ jew l-elettriku.

Emenda

- (9) Filwaqt li strumenti bħall-ipprezzar tal-karbonju jew miri dwar l-intensità tal-karbonju ta' attività jippromwovu titjib fl-effiċjenza enerġetika, dawn mhumiex adattati biex iwasslu għal bidla sinifikanti lejn fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fuq terminu qasir u medju. Għalhekk huwa meħtieġ approċċ regolatorju speċifiku ddedikat għall-użu ta' fjuwils tal-baħar rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u ta' sorsi alternattivi tal-enerġija, bħar-riħ jew l-elettriku. **Dak l-approċċ jenħtieġ li jiġi implimentat b'mod ibbażat fuq l-għanijiet, teknoloġikament new-trali u kosteffettiv.**

Emenda 20
Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

- (10) L-intervent ta' politika biex tiġi stimulata d-domanda għal fjuwils marittimi rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jenħtieġ li jkun ibbażat fuq l-għanijiet u jirrispetta l-prinċipju tan-newtralità teknoloġika. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu stabbiliti limiti fuq l-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord mill-vapuri mingħajr ma jiġi preskritt l-użu ta' kwalunkwe fjuwil jew teknoloġija partikolari.

Emenda

- (10) L-intervent ta' politika biex tiġi stimulata d-domanda għal fjuwils marittimi rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jenħtieġ li jkun ibbażat fuq l-għanijiet u jirrispetta l-prinċipju tan-newtralità teknoloġika. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu stabbiliti limiti **ambizzjużi, f'konformità mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi**, fuq l-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord mill-vapuri mingħajr ma jiġi preskritt l-użu ta' kwalunkwe fjuwil jew teknoloġija partikolari.

Emenda 21
Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

- (10a) **Jenħtieġ li jiġi stabbilit Fond għall-Oċeani ddedikat, li jalloka d-dħul iġġenerat mill-irkant tal-kwoti marittimi fi ħdan l-ETS lura lis-settur marittimu. Il-fondi pprovduti fl-ambitu tal-Fond għall-Oċeani jenħtieġ li jintużaw biex jappoġġaw proġetti u investimenti relatati mat-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-vapuri u tal-portijiet, għat-teknoloġiji u l-infrastruttura innovattivi għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport marittimu, għall-produzzjoni u l-użu ta' fjuwils alternattivi sostenibbli u għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' propulsjoni b'emissjonijiet żero.**

Emenda

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 22
Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

- (11) Jenħtieġ li jiġi promoss l-iżvilupp u l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju b'potenzjal għoli għal sostenibbiltà, maturità kummerċjali u potenzjal għoli għall-innovazzjoni u t-tkabbir biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet futuri. Dan se jappoġġa l-ħolqien ta' swieq tal-fjuwils innovattivi u kompetittivi u jiżgura provvista suffiċjenti ta' fjuwils marittimi sostenibbli fit-terminu qasir u fit-tul, biex jikkontribwixxi għall-ambizzjonijiet tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport tal-Unjoni filwaqt li jsaħħaħ l-isforzi tal-Unjoni lejn livell għoli ta' ħarsien tal-ambjent. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jkunu eliġibbli l-fjuwils marittimi sostenibbli prodotti mill-materja prima elenkata fil-Partijiet A u B tal-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/2001, kif ukoll il-fjuwils marittimi sintetiċi. B'mod partikolari, il-fjuwils marittimi sostenibbli prodotti mill-materja prima elenkata fil-Parti B tal-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/2001 huma essenzjali, billi attwalment huma l-aktar teknoloġija kummerċjalment matura għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport marittimu fit-terminu qasir.

Emenda

- (11) Jenħtieġ li jiġi promoss l-iżvilupp u l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju **u teknoloġiji ta' propulsjoni** b'potenzjal għoli għal sostenibbiltà, maturità kummerċjali u potenzjal għoli għall-innovazzjoni u t-tkabbir biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet futuri. Dan se jappoġġa l-ħolqien ta' swieq tal-fjuwils innovattivi u kompetittivi u jiżgura provvista suffiċjenti ta' fjuwils marittimi sostenibbli fit-terminu qasir u fit-tul, biex jikkontribwixxi għall-ambizzjonijiet tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport tal-Unjoni filwaqt li jsaħħaħ l-isforzi tal-Unjoni lejn livell għoli ta' ħarsien tal-ambjent. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jkunu eliġibbli l-fjuwils marittimi sostenibbli prodotti mill-materja prima elenkata fil-Partijiet A u B tal-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/2001, kif ukoll il-fjuwils marittimi sintetiċi. B'mod partikolari, il-fjuwils marittimi sostenibbli prodotti mill-materja prima elenkata fil-Parti B tal-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/2001 huma essenzjali, billi attwalment huma l-aktar teknoloġija kummerċjalment matura għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport marittimu fit-terminu qasir.

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 23
Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (11a) *Sabiex jiġu mħeġġa l-iżvilupp bikri tas-suq u l-użu tat-teknoloġiji tal-fjuwil l-aktar sostenibbli u innovattivi b'potenzjal ta' tkabbir biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet futuri, huwa mehtiegħ inċentiv iddedikat għall-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika (RFNBO). Din il-familja ta' fjuwils għandha potenzjal għoli li tintroduċi l-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-fjuwil tal-bastimenti. Fid-dawl tal-kostijiet ta' produzzjoni ferm ogħla għall-RFNBOs fuq terminu qasir u medju, importanti li jiġi żgurat livell ta' domanda li jappoġġa l-investment f'tali familja ta' fjuwils. Dan ir-Regolament jintroduċi taħlita ta' miżuri biex jiġi żgurat l-appoġġ għall-adozzjoni ta' RFNBOs sostenibbli. Dawn jinkludu (a) multiplikatur sal-2035 biex jiġu ppremjati l-kumpaniji li jiddeċiedu li jagħżlu dawn il-fjuwils minkejja l-prezz relattivament għoli tagħhom, u (b) mill-2030 sehem minimu fiss ta' RFNBOs fit-taħlita tal-enerġija tal-fjuwil. Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità mas-sehem minimu ta' RFNBOs, jenhtiegħ li jiġu applikati miżuri ta' flessibilità skont l-Artikoli 17 u 18 ta' dan ir-Regolament. Il-kumpaniji jistgħu, permezz ta' arranġamenti kuntrattwali, iżommu lill-fornituri tal-fjuwil responsabbli għall-kostijiet tal-konformità skont dan ir-Regolament, jekk l-RFNBOs ma jkunux ġew ikkonsenjati skont il-kundizzjonijiet miftiehma.*

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 24
Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

- (13) Madankollu, dan l-approċċ irid ikun aktar strett fis-settur marittimu. Is-settur marittimu attwalment għandu livelli insinifikanti ta' domanda għall-bijofjuwils, il-bijolikwidi u l-fjuwils tal-bijomassa **mill-għalf u minn kultivazzjonijiet alimentari**, billi aktar minn 99% **mill-fjuwils** tal-baħar użati attwalment huma ta' oriġini fossili. Għalhekk, in-nuqqas ta' eliġibbiltà ta' fjuwils **mill-għalf u minn kultivazzjonijiet alimentari** skont dan ir-Regolament jimminimizza wkoll kwalunkwe riskju ta' tnaqqis fir-ritmu tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport, li jista' jirriżulta b'mod ieħor minn trasferiment ta' bijofjuwils **minn kultivazzjonijiet alimentari** mit-toroq għas-settur marittimu. Huwa essenzjali li jiġi mminimizzata dan it-trasferiment, peress li t-trasport bit-triq attwalment għadu bil-bosta l-aktar settur tat-trasport li jniġġes u t-trasport marittimu attwalment juża, b'mod predominanti, fjuwils ta' oriġini fossili. Għalhekk huwa xieraq li jiġi evitat il-ħolqien ta' domanda potenzjalment kbira **ta'** bijofjuwils, bijolikwidi u bijomassa **mill-għalf u minn kultivazzjonijiet alimentari** billi jiġi promoss l-użu tagħhom skont dan ir-Regolament. Għaldaqstant, l-emissjonijiet addizzjonali ta' gassijiet serra u t-telfien tal-bijodiversità kkawżati mit-tipi kollha ta' fjuwils ibbażati fuq l-għelejjel tal-għalf u tal-ikel jeħtieġu li dawn il-fjuwils jitqiesu li għandhom l-istess fatturi ta' emissjoni bħall-perkors l-inqas favorevoli.

Emenda

- (13) Madankollu, dan l-approċċ irid ikun aktar strett fis-settur marittimu. Is-settur marittimu attwalment għandu livelli insinifikanti ta' domanda għall-bijofjuwils, il-bijolikwidi u l-fjuwils tal-bijomassa **ibbażati fuq l-għelejjel tal-għalf u tal-ikel**, billi aktar minn 99% **tal-fjuwils** tal-baħar użati attwalment huma ta' oriġini fossili. Għalhekk, in-nuqqas ta' eliġibbiltà ta' fjuwils **ibbażati fuq l-għelejjel tal-għalf u tal-ikel** skont dan ir-Regolament jimminimizza wkoll kwalunkwe riskju ta' tnaqqis fir-ritmu tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport, li jista' jirriżulta b'mod ieħor minn trasferiment ta' bijofjuwils **ibbażati fuq l-għelejjel** mit-toroq għas-settur marittimu. Huwa essenzjali li jiġi mminimizzata dan it-trasferiment, peress li t-trasport bit-triq attwalment għadu bil-bosta l-aktar settur tat-trasport li jniġġes u t-trasport marittimu attwalment juża, b'mod predominanti, fjuwils ta' oriġini fossili. Għalhekk huwa xieraq li jiġi evitat il-ħolqien ta' domanda potenzjalment kbira **għal** bijofjuwils, bijolikwidi u bijomassa **ibbażati fuq l-għelejjel tal-għalf u tal-ikel** billi jiġi promoss l-użu tagħhom skont dan ir-Regolament. Għaldaqstant, l-emissjonijiet addizzjonali ta' gassijiet serra u t-telfien tal-bijodiversità kkawżati mit-tipi kollha ta' fjuwils ibbażati fuq l-għelejjel tal-għalf u tal-ikel jeħtieġu li dawn il-fjuwils jitqiesu li għandhom l-istess fatturi ta' emissjoni bħall-perkors l-inqas favorevoli.

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 25

Proposta għal regolament

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

- (14) Iż-żminijiet twal assoċjati mal-iżvilupp u l-użu ta' fjuwils u soluzzjonijiet tal-enerġija ġodda għat-trasport marittimu jeħtieġu azzjoni rapida u l-istabbiliment ta' qafas regolatorju fit-tul ċar u prevedibbli li jiffaċilita l-ippjanar u l-investment mill-partijiet ikkonċernati kollha **kkonċernati**. Qafas regolatorju fit-tul ċar u stabbli jiffaċilita l-iżvilupp u l-użu ta' fjuwils u soluzzjonijiet tal-enerġija ġodda għat-trasport marittimu, u jhegġegħ l-investment mill-partijiet ikkonċernati. Jenħtieġ li dan il-qafas jiddefinixxi l-limiti għall-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord mill-vapuri sal-2050. Jenħtieġ li daww il-limiti jsiru aktar ambizzjużi maż-żmien biex jirriflettu l-iżvilupp teknoloġiku mistenni u ż-żieda fil-produzzjoni ta' fjuwils tal-baħar rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

Emenda

- (14) Iż-żminijiet twal assoċjati mal-iżvilupp u l-użu ta' fjuwils **rinnovabbli** u soluzzjonijiet tal-enerġija ġodda għat-trasport marittimu, **kif ukoll it-tul ta' haġja medja twila tal-vapuri, li normalment tvarja bejn 25 u 30 sena**, jeħtieġu azzjoni rapida u l-istabbiliment ta' qafas regolatorju fit-tul ċar u prevedibbli li jiffaċilita l-ippjanar u l-investment mill-partijiet ikkonċernati kollha. Qafas regolatorju fit-tul ċar u stabbli jiffaċilita l-iżvilupp u l-użu ta' fjuwils u soluzzjonijiet tal-enerġija ġodda għat-trasport marittimu, u jhegġegħ l-investment mill-partijiet ikkonċernati. Jenħtieġ li dan il-qafas jiddefinixxi l-limiti għall-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord mill-vapuri, **kemm waqt in-navigazzjoni kif ukoll waqt l-irmiġġ**, sal-2050. Jenħtieġ li daww il-limiti jsiru aktar ambizzjużi maż-żmien biex jirriflettu l-iżvilupp teknoloġiku mistenni u ż-żieda fil-produzzjoni ta' fjuwils tal-baħar rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. **Biex jiġi żgurat li tinkiseb iċ-ċertezza legali u jitħalla żmien suffiċjenti ħalli s-settur ikun jista' jippjana u jħejji għat-terminu twil, kif ukoll biex jiġu evitati assi mhux rekuperabbli, jenħtieġ li kwalunkwe proposta futura biex jiġi emendat dan ir-Regolament tkun limitata fil-kamp ta' applikazzjoni u jenħtieġ li tevita bidliet sinifikanti tar-rekwiżiti.**

Emenda 26

Proposta għal regolament

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

- (15) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi l-metodoloġija u l-formula li jenħtieġ li japplikaw biex tiġi kkalkulata l-intensità medja annwali tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord minn vapur. Jenħtieġ li din il-formula tkun ibbażata fuq il-konsum tal-fjuwil irrappurtat mill-vapuri u tqis il-fatturi ta' emissjoni rilevanti ta' dawn il-fjuwils. Jenħtieġ li l-użu ta' sorsi alternattivi tal-enerġija, **bħar-riħ** jew l-elettriku, **jiġi rifless ukoll** fil-metodoloġija.

Emenda

- (15) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi l-metodoloġija u l-formula li jenħtieġ li japplikaw biex tiġi kkalkulata l-intensità medja annwali tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord minn vapur. Jenħtieġ li din il-formula tkun ibbażata fuq il-konsum tal-fjuwil irrappurtat mill-vapuri u tqis il-fatturi ta' emissjoni rilevanti ta' dawn il-fjuwils. Jenħtieġ li l-użu ta' sorsi alternattivi tal-enerġija, **bħall-enerġija mir-riħ jew mix-xemx, l-enerġija ġġenerata abbord**, jew l-elettriku **pprovdut waqt l-irmiġġ, jiġi rifless ukoll** fil-metodoloġija.

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 27
Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

- (16) Sabiex tingħata stampa aktar sħiħa tal-prestazzjoni ambjentali tad-diversi sorsi tal-enerġija, jenħtieġ li l-prestazzjoni tal-gassijiet serra tal-fjuwils tiġi vvalutata fuq bażi well-to-wake, billi jitqiesu l-impatti tal-produzzjoni, it-trasport, id-distribuzzjoni u l-użu tal-enerġija abbord. Dan għandu l-għan li jinċentiva t-teknoloġiji u l-perkorsi ta' produzzjoni li jipprovdu impronta tal-gassijiet serra aktar baxxa u benefiċċji reali meta mqabbla mal-fjuwils konvenzjonali eżistenti.

Emenda

- (16) Sabiex tingħata stampa aktar sħiħa tal-prestazzjoni ambjentali tad-diversi sorsi tal-enerġija, jenħtieġ li l-prestazzjoni tal-gassijiet serra tal-fjuwils tiġi vvalutata fuq bażi well-to-wake, billi jitqiesu l-impatti tal-produzzjoni, it-trasport, id-distribuzzjoni u l-użu tal-enerġija abbord, ***b'kont meħud tal-impronti tad-diversi stadji taċ-ċiklu tal-ħajja tal-fjuwils***. Dan għandu l-għan li jinċentiva t-teknoloġiji u l-perkorsi ta' produzzjoni li jipprovdu impronta tal-gassijiet serra aktar baxxa u benefiċċji reali meta mqabbla mal-fjuwils konvenzjonali eżistenti.

Emenda 28
Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

- (17) Jenħtieġ li l-prestazzjoni well-to-wake tal-fjuwils marittimi ***rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju*** tiġi stabbilita permezz ta' fatturi ta' emissjoni prestabbiliti jew attwali u ċertifikati li jkopru l-emissjonijiet well-to-tank u tank-to-wake. ***Madankollu, jenħtieġ li l-prestazzjoni tal-fjuwils fossili tiġi vvalutata biss permezz tal-użu ta' fatturi ta' emissjoni prestabbiliti kif previst f'dan ir-Regolament.***

Emenda

- (17) Jenħtieġ li l-prestazzjoni well-to-wake tal-fjuwils marittimi tiġi stabbilita permezz ta' fatturi ta' emissjoni prestabbiliti jew attwali u ċertifikati li jkopru l-emissjonijiet well-to-tank u tank-to-wake.

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 29

Proposta għal regolament

Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

- (21) L-użu ta' provvista tal-enerġija fuq l-art (OPS) inaqqas it-tniġġis tal-arja prodott mill-vapuri u jnaqqas ukoll l-ammont ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġġenerati mit-trasport marittimu. L-OPS **jirrappreżenta** provvista tal-enerġija dejjem aktar nadifa disponibbli għall-vapuri rmiġġati, fid-dawl **tas-sehem** dejjem akbar tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-elettriku tal-UE. Filwaqt li huwa biss il-forniment ta' punti ta' konnessjoni tal-OPS li huwa kopert mid-Direttiva 2014/94/UE (id-Direttiva dwar Infrastruttura tal-Karburanti Alternattivi – AFD), id-domanda għal u, b'riżultat ta' dan, l-użu ta' din it-teknoloġija **baqa' limitat**. **Għalhekk** jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi biex jiġi awtorizzat l-użu tal-OPS mill-vapuri l-aktar niġġiesa.

Emenda

- (21) L-użu ta' provvista tal-enerġija fuq l-art (OPS) inaqqas it-tniġġis tal-arja prodott mill-vapuri **rmiġġati** u jnaqqas ukoll l-ammont ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġġenerati mit-trasport marittimu **waqt l-irmiġġ**. L-OPS **tirrappreżenta** provvista tal-enerġija dejjem aktar nadifa disponibbli għall-vapuri rmiġġati, fid-dawl **tal-ishma** dejjem akbar tal-enerġija rinnovabbli **u tas-sorsi tal-enerġija ħielsa mill-fjuwils fossili** fit-taħlita tal-elettriku tal-UE. Filwaqt li huwa biss il-forniment ta' punti ta' konnessjoni tal-OPS li huwa kopert mid-Direttiva 2014/94/UE (id-Direttiva dwar Infrastruttura tal-Karburanti Alternattivi – AFD), id-domanda għal u, b'riżultat ta' dan, l-użu ta' din it-teknoloġija **baqgħu limitati**. **Sabiex jiġi żgurat li t-tniġġis tal-arja waqt l-irmiġġ jitnaqqas u li l-infrastruttura tal-OPS tkun ekonomikament vijabbli u twassal għal redditu fuq l-investiment**, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi biex jiġi awtorizzat l-użu tal-OPS mill-vapuri l-aktar niġġiesa **f'sitwazzjonijiet fejn dak l-użu jnaqqas l-emissjonijiet b'mod effettiv u b'kost raġonevoli**.

Emenda 30

Proposta għal regolament

Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

- (22) Minbarra l-OPS, teknoloġiji oħra jistgħu jkunu kapaċi joffru benefiċċji ambjentali ekwivalenti fil-portijiet. Meta jintwera li l-użu ta' teknoloġija alternattiva huwa ekwivalenti għall-użu tal-OPS, jenħtieġ li vapur ikun eżentat milli juża l-OPS.

Emenda

- (22) Minbarra l-OPS, teknoloġiji **b'emissjonijiet zero** oħra jistgħu jkunu kapaċi joffru benefiċċji ambjentali ekwivalenti fil-portijiet. Meta jintwera li l-użu ta' teknoloġija alternattiva huwa ekwivalenti għall-użu tal-OPS **f'termini ta' tniġġis tal-arja u tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra**, jenħtieġ li vapur ikun eżentat milli juża l-OPS.

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 31
Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

- (23) Jenħtieġ li jiġu pprovduti wkoll eċċezzjonijiet għall-użu tal-OPS għal għadd ta' raġunijiet oġġettivi, iċċertifikati mill-korp maniġerjali tal-port tal-waqfa **u** limitati għal waqfiet mhux skedati f'port għal raġunijiet ta' sikurezza jew **ta'** salvataġġ tal-ħajja fuq il-baħar, għal soġġorni qosra ta' vapuri rmiġġati ta' inqas minn sagħtejn, peress li dan huwa l-ħin minimu meħtieġ għall-konnessjoni, u għall-użu tal-ġenerazzjoni tal-enerġija abbord f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

Emenda

- (23) Jenħtieġ li jiġu pprovduti wkoll eċċezzjonijiet għall-użu tal-OPS għal għadd ta' raġunijiet oġġettivi, iċċertifikati mill-korp maniġerjali tal-port tal-waqfa, **mill-operatur tat-terminal jew mill-awtorità kompetenti, skont il-mudell ta' governanza għall-portijiet fl-Istati Membri differenti. Dawn l-eċċezzjonijiet jenħtieġ li jkunu** limitati għal waqfiet mhux skedati f'port għal raġunijiet ta' sikurezza jew salvataġġ tal-ħajja fuq il-baħar, għal soġġorni qosra ta' vapuri rmiġġati ta' inqas minn sagħtejn peress li dan huwa l-ħin minimu meħtieġ għall-konnessjoni, u għall-użu tal-ġenerazzjoni tal-enerġija abbord f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. **Jekk ikun impossibbli li tiġi fornuta biżżejjed enerġija fuq l-art minħabba kapacià dgħajfa fil-grilja lokali konnessa mal-port, jenħtieġ li dan ma jitqiesx bħala nuqqas la min-naħa tal-port u lanqas min-naħa tas-sid jew tal-operatur tal-vapur li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, dment li l-kapacià insuffiċjenti tal-grilja lokali tkun debitament attestata mill-maniġer tal-grilja lill-verifikaturi.**

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 32
Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Jenħtieġ li l-eċċezzjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà jew ta' inkompatibbiltà tal-OPS ikunu limitati wara li l-operaturi tal-vapuri u tal-portijiet ikunu ngħataw biżżejjed żmien biex jagħmlu l-investimenti meħtieġa, sabiex jiġu pprovduti l-inċentivi meħtieġa għal daww l-investimenti u tiġi evitata kompetizzjoni inġusta. Mill-2035, jenħtieġ li l-operaturi tal-vapuri jippjanaw bir-reqqa l-waqfiet tagħhom **f'port** biex jiżguraw li jkunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom mingħajr l-emissjoni ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja u ta' gassijiet serra waqt l-irmiġġ, u b'hekk jikkompromettu l-ambjent fiż-żoni kostali u fil-bliet **b'portijiet**. Jenħtieġ li jinżamm għadd limitat ta' eċċezzjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà jew ta' inkompatibbiltà tal-OPS, sabiex tingħata l-possibbiltà ta' bidliet okkażjonali tal-aħħar minuta fl-iskedi tal-waqfiet f'port u ta' waqfiet f'portijiet b'taġhmir inkompatibbli.

Emenda

(24) Jenħtieġ li l-eċċezzjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà jew ta' inkompatibbiltà tal-OPS ikunu limitati wara li l-operaturi tal-vapuri u tal-portijiet ikunu ngħataw biżżejjed żmien biex jagħmlu l-investimenti meħtieġa, sabiex jiġu pprovduti l-inċentivi meħtieġa għal daww l-investimenti u tiġi evitata kompetizzjoni inġusta. **Sabiex tiġi żgurata interoperabbiltà sħiħa, jenħtieġ li l-portijiet jgħammru l-irmiġġi tagħhom, u s-sidien tal-vapuri jgħammru l-bastimenti tagħhom, b'installazzjonijiet tal-enerġija li jikkonformaw mal-istandards applikabbli.** Mill-2035, jenħtieġ li l-operaturi tal-vapuri jippjanaw bir-reqqa l-waqfiet tagħhom **fil-portijiet TEN-T koperti mir-Regolament XXXX-XXX (ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi)** biex jiżguraw li jkunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom mingħajr l-emissjoni ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja u ta' gassijiet serra waqt l-irmiġġ, u b'hekk jikkompromettu l-ambjent fiż-żoni kostali u fil-bliet **portwarji**. Jenħtieġ li jinżamm għadd limitat ta' eċċezzjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà jew ta' inkompatibbiltà tal-OPS, sabiex tingħata l-possibbiltà ta' bidliet okkażjonali tal-aħħar minuta fl-iskedi tal-waqfiet f'port u ta' waqfiet f'portijiet b'taġhmir inkompatibbli. **Sabiex jittaffa r-riskju ta' assi mhux rekuperabbli, l-inkompatibbiltà tal-infrastruttura tal-OPS abbord u fl-irmiġġ kif ukoll id-domanda għall-fjuwil alternattiv u l-iżbilanċi fil-provvista, jenħtieġ li jiġu organizzati laqgħat ta' konsultazzjoni frekwenti bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jiddiskutu u jieħdu deċiżjonijiet dwar ir-rekwiżiti u l-pjanijiet futuri.**

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 33

Proposta għal regolament

Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (24a) *Il-miri għall-forniment ta' OPS stabbiliti fir-Regolament XXXX-XXX (ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi) iqisu t-tipi ta' bastimenti moqđija u l-volumi tat-traffiku rispettivi tal-portijiet marittimi. Jenħtieġ li r-rekwiżit li l-vapuri jikkonnettjaw ma' OPS waqt l-irmiġġ ma japplikax għall-bastimenti meta jieqfu f'portijiet barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżit ta' OPS ta' dak ir-Regolament, sakemm il-port ma jkollux OPS installata u disponibbli fil-post tal-irmiġġ miżjur. Jekk vapur jieqaf f'port mhux TEN-T fejn tkun disponibbli OPS, il-vapur jenħtieġ li jikkonnettja mal-OPS waqt li jkun irmiġġat.*

Emenda 34

Proposta għal regolament

Premessa 24b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (24b) *Anke jekk l-OPS hija għodda importanti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet lokali ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja, il-potenzjal tagħha li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jiddependi kompletament mit-taħlita tal-enerġija li tiġi fornuta permezz tal-kejbils. Biex jisfruttaw il-potenzjal klimatiku u ambjentali sħiħ tal-OPS, jenħtieġ li l-Istati Membri jżidu l-kapaċità u l-konnettività tal-grilji elettriċi u jkomplu jnaqqsu l-intensità tal-gassijiet serra tat-taħlitiet tal-enerġija tagħhom, sabiex jipprovdu lill-portijiet elettriku bi prezzijiet raġonevoli, prevedibbli u ħieles mill-fjuwils fossili.*

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 35

Proposta għal regolament

Premessa 24c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (24c) *Jenħtieġ li l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament tqis kif xieraq il-mudelli ta' governanza diversi għall-portijiet fl-Unjoni kollha, b'mod partikolari fir-rigward tar-responsabbiltà għall-ħruġ ta' ċertifikat li jeżenta lil bastiment mill-obbligu ta' konnessjoni ma' OPS.*

Emenda 36

Proposta għal regolament

Premessa 24d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (24d) *Il-koordinament bejn il-portijiet u l-operaturi tal-vapuri huwa kruċjali biex jiġu żgurati proċeduri ta' konnessjoni bla xkiel mal-enerġija fuq l-art fil-portijiet. L-operaturi tal-vapuri jenħtieġ li jinfurmaw lill-portijiet li jidħlu fihom dwar l-intenzjonijiet tagħhom li jikkonnettjaw mal-enerġija fuq l-art, u l-ammont ta' enerġija li jeħtieġu matul il-waqfa speċifika, b'mod partikolari meta dan l-ammont jaqbeż il-ħtiġijiet stmati għal din il-kategorija ta' vapur.*

Emenda 37

Proposta għal regolament

Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (25) *Jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema robusta ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika permezz ta' dan ir-Regolament sabiex tiġi traċċata l-konformità mad-dispożizzjonijiet tiegħu. Jenħtieġ li din is-sistema tapplika b'mod mhux diskriminatorju għall-vapuri kollha u teħtieġ verifika minn parti terza biex tiġi żgurata l-akkuratezza tad-data sottomessa fi ħdan din is-sistema. Sabiex tiġi ffaċilitata l-kisba tal-oġġettiv ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li kwalunkwe data diġà rrappurtata għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2015/757 tintuża, fejn ikun meħtieġ, biex tiġi vverifikata l-konformità ma' dan ir-Regolament sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv impost fuq il-kumpaniji, il-verifikaturi u l-awtoritajiet marittimi.*
- (25) *Jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema robusta u **trasparenti** ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika permezz ta' dan ir-Regolament sabiex tiġi traċċata l-konformità mad-dispożizzjonijiet tiegħu. Jenħtieġ li din is-sistema tapplika b'mod mhux diskriminatorju għall-vapuri kollha u teħtieġ verifika minn parti terza biex tiġi żgurata l-akkuratezza tad-data sottomessa fi ħdan din is-sistema. Sabiex tiġi ffaċilitata l-kisba tal-oġġettiv ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li kwalunkwe data diġà rrappurtata għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2015/757 tintuża, fejn ikun meħtieġ, biex tiġi vverifikata l-konformità ma' dan ir-Regolament sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv impost fuq il-kumpaniji, il-verifikaturi u l-awtoritajiet marittimi.*

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 38
Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

- (26) Jenħtieġ li l-kumpaniji jkunu responsabbli għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-ammont u t-tip ta' enerġija użata abbord minn vapuri fin-navigazzjoni u rmiġġati, kif ukoll informazzjoni rilevanti oħra, bħal informazzjoni dwar it-tip ta' magna abbord **jew il-preżenza ta' teknoloġiji** ta' assistenza mir-riħ, bil-għan li tintwera l-konformità mal-limitu fuq l-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord minn vapur stipulat minn dan ir-Regolament. Biex jiġi ffaċilitat l-issodisfar ta' dawn l-obbligi ta' monitoraġġ u rappurtar u l-proċess ta' verifika mill-verifikaturi, b'mod simili għar-Regolament (UE) 2015/757, jenħtieġ li l-kumpaniji jiddokumentaw il-metodu ta' monitoraġġ previst u jipprovdu aktar dettalji dwar l-applikazzjoni tar-regoli ta' dan ir-Regolament fi pjan ta' monitoraġġ. Jenħtieġ li l-pjan ta' monitoraġġ, kif ukoll il-modifiki sussegwenti tiegħu, jekk ikun applikabbli, jiġu sottomessi lill-verifikatur.

Emenda

- (26) Jenħtieġ li l-kumpaniji jkunu responsabbli għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-ammont u t-tip ta' enerġija użata abbord minn vapuri fin-navigazzjoni u rmiġġati, kif ukoll informazzjoni rilevanti oħra, bħal informazzjoni dwar it-tip ta' magna abbord **u l-ispeċifikazzjoni teknika tat-teknoloġiji** ta' assistenza mir-riħ, **jew kwalunkwe sors alternattiv ta' enerġija preżenti abbord**, bil-għan li tintwera l-konformità mal-limitu fuq l-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord minn vapur stipulat minn dan ir-Regolament. Biex jiġi ffaċilitat l-issodisfar ta' dawn l-obbligi ta' monitoraġġ u rappurtar u l-proċess ta' verifika mill-verifikaturi, b'mod simili għar-Regolament (UE) 2015/757, jenħtieġ li l-kumpaniji jiddokumentaw il-metodu ta' monitoraġġ previst u jipprovdu aktar dettalji dwar l-applikazzjoni tar-regoli ta' dan ir-Regolament fi pjan ta' monitoraġġ. Jenħtieġ li l-pjan ta' monitoraġġ, kif ukoll il-modifiki sussegwenti tiegħu, jekk ikun applikabbli, jiġu sottomessi lill-verifikatur.

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 39

Proposta għal regolament

Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni

- (27) Iċ-ċertifikazzjoni tal-fjuwils **hija** essenzjali biex jintlaħqu l-oġġetti ta' dan ir-Regolament u biex tiġi ggarantita l-integrità ambjentali tal-fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li huma mistennija jintużaw fis-settur marittimu. **Din iċ-ċertifikazzjoni** jenħtieġ li ssir permezz ta' proċedura trasparenti u mhux diskriminatorja. Bil-għan li tiġi ffaċilitata ċ-ċertifikazzjoni u li jiġi limitat il-piż amministrattiv, jenħtieġ li ċ-ċertifikazzjoni tal-bijofjuwils, tal-bijogass, tal-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u tal-fjuwils tal-karbonju riċiklat tiddependi mir-regoli stabbiliti mid-Direttiva (UE) 2018/2001. Jenħtieġ li dan l-approċċ ta' ċertifikazzjoni japplika wkoll għall-bunkering ta' fjuwils barra mill-Unjoni, li jenħtieġ li jitqiesu bħala fjuwils importati, b'mod simili għad-Direttiva (UE) 2018/2001. Meta l-kumpaniji jkunu biħsiebhom jitbiegħdu mill-valuri prestabbiliti previsti minn dik id-Direttiva jew minn dan il-qafas il-ġdid, jenħtieġ li dan isir biss meta l-valuri jkunu jistgħu jiġu ċċertifikati minn waħda mill-iskemi volontarji rikonoxxuti skont id-Direttiva (UE) 2018/2001 (għall-valuri well-to-tank) jew permezz ta' **ttestjar fil-laboratorju** **jew** kejl dirett tal-emissjonijiet (tank-to-wake).

Emenda

- (27) Iċ-ċertifikazzjoni **u l-monitoraġġ robusti** tal-fjuwils **huma** essenzjali biex jintlaħqu l-oġġetti ta' dan ir-Regolament u biex tiġi ggarantita l-integrità ambjentali tal-fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li huma mistennija jintużaw fis-settur marittimu. Jenħtieġ li **tali ċertifikazzjoni** ssir permezz ta' proċedura trasparenti u mhux diskriminatorja. Bil-għan li tiġi ffaċilitata ċ-ċertifikazzjoni u li jiġi limitat il-piż amministrattiv, jenħtieġ li ċ-ċertifikazzjoni tal-bijofjuwils, tal-bijogass, tal-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u tal-fjuwils tal-karbonju riċiklat tiddependi mir-regoli stabbiliti mid-Direttiva (UE) 2018/2001. Jenħtieġ li dan l-approċċ ta' ċertifikazzjoni japplika wkoll għall-bunkering ta' fjuwils barra mill-Unjoni, li jenħtieġ li jitqiesu bħala fjuwils importati, b'mod simili għad-Direttiva (UE) 2018/2001. Meta l-kumpaniji jkunu biħsiebhom jitbiegħdu mill-valuri prestabbiliti previsti minn dik id-Direttiva jew minn dan il-qafas il-ġdid, jenħtieġ li dan isir biss meta l-valuri jkunu jistgħu jiġu ċċertifikati minn waħda mill-iskemi volontarji rikonoxxuti skont id-Direttiva (UE) 2018/2001 (għall-valuri well-to-tank) jew permezz ta' kejl dirett tal-emissjonijiet (tank-to-wake).

Emenda 40

Proposta għal regolament

Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (27a) **L-affidabbiltà u l-akkuratezza tal-informazzjoni dwar il-karatteristiċi tal-fjuwils huma essenzjali għall-infurzar ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-fornituri tal-fjuwil li jkun ġie ppruvat li pprovdew informazzjoni qarrieqa jew mhux preċiża dwar l-intensità tal-gassijiet serra tal-fjuwils li jfornu jiġu soġġetti għal penali. Jenħtieġ li l-fornituri tal-fjuwil li jkunu pprovdew ripetutament informazzjoni falza jew qarrieqa jiġu esklużi mill-iskemi ta' ċertifikazzjoni stipulati fid-Direttiva (UE) 2018/2001 (id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli). F'każijiet bħal dawn, kwalunkwe fjuwil miġbur mill-faċilitajiet tagħhom jenħtieġ li jiġi kkunsidrat li għandu l-istess fattur ta' emissjoni daqs l-inqas fjuwil fossili favorevoli.**

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 41
Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni

(28) Jenħtieġ li l-verifika minn verifikaturi akkreditati tiżgura l-akkuratezza u l-kompletezza tal-monitoraġġ u tar-rappurtar mill-kumpaniji, kif ukoll il-konformità ma' dan ir-Regolament. Sabiex **tiġi żgurata** l-imparzjalità, jenħtieġ li l-verifikaturi jkunu entitajiet ġuridiċi indipendenti u kompetenti u jenħtieġ li jiġu akkreditati minn korpi nazzjonali ta' akkreditament stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁴⁾.

⁽²⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

Emenda

(28) Jenħtieġ li l-verifika minn verifikaturi akkreditati tiżgura l-akkuratezza u l-kompletezza tal-monitoraġġ u tar-rappurtar mill-kumpaniji, kif ukoll il-konformità ma' dan ir-Regolament. Sabiex **jiġu żgurati** l-imparzjalità **u l-effettività**, jenħtieġ li l-verifikaturi jkunu entitajiet ġuridiċi indipendenti u kompetenti u jenħtieġ li jiġu akkreditati **u ssorveljati** minn korpi nazzjonali ta' akkreditament stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁴⁾.

⁽²⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

Emenda 42
Proposta għal regolament
Premessa 31a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(31a) **Il-kumpaniji u l-fornituri tal-fjuwil jistgħu, permezz ta' arranġamenti kuntrattwali, jaqblu dwar impenji reċiproċi biex jipproduċu, ifornu u jixtru kwantitajiet predeterminati ta' ċerti fjuwils. Jenħtieġ li tali arranġamenti kuntrattwali jkopru wkoll ir-responsabbiltà u jstabilixxu l-kundizzjonijiet għal kumpens finanzjarju f'każijiet fejn il-fjuwils ma jkunux magħmula disponibbli kif maqbul.**

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 43

Proposta għal regolament

Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni

- (36) Il-penali imposti għal kull waqfa mhux konformi f'port jenħtieġ li jkunu proporzjonati mal-kost tal-użu tal-elettriku u f'livell suffiċjenti biex ikollhom effett dissważiv mill-użu ta' sorsi ta' enerġija aktar niġġiesa. Il-penali jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-kapaċità installata abbord il-bastiment, espressa f'megawatts, immultiplikata b'piena fissa f'EUR għal kull siegħa ta' soġġorn fl-irmiġġ. Minħabba n-nuqqas ta' ċifri preċiżi dwar il-kost tal-forniment ta' OPS fl-Unjoni, din ir-rata jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-prezz medju tal-elettriku tal-UE għall-konsumaturi mhux domestiċi **mmultiplikata** b'fattur ta' tnejn, biex jittieħed kont ta' imposti oħra relatati mal-forniment tas-servizz, inklużi fost l-oħrajn il-kostijiet tal-konnessjoni u l-irkupru tal-investment.

Emenda

- (36) Il-penali imposti għal kull waqfa mhux konformi f'port jenħtieġ li jkunu proporzjonati mal-kost tal-użu tal-elettriku u f'livell suffiċjenti biex ikollhom effett dissważiv mill-użu ta' sorsi ta' enerġija aktar niġġiesa. Il-penali jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-kapaċità installata abbord il-bastiment, espressa f'megawatts, immultiplikata b'piena fissa f'EUR għal kull siegħa ta' soġġorn fl-irmiġġ. Minħabba n-nuqqas ta' ċifri preċiżi dwar il-kost tal-forniment ta' OPS fl-Unjoni, din ir-rata jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-prezz medju tal-elettriku tal-UE għall-konsumaturi mhux domestiċi **l-aktar aġġornat, immultiplikata** b'fattur ta' tnejn, biex jittieħed kont ta' imposti oħra relatati mal-forniment tas-servizz, inklużi fost l-oħrajn il-kostijiet tal-konnessjoni u l-irkupru tal-investment.

Emenda 44

Proposta għal regolament

Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni

- (37) Id-dħul iġġenerat mill-ħlas ta' penali jenħtieġ li jintuża biex jippromwovi **d-distribuzzjoni u l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-settur marittimu** u **biex jgħin lill-operaturi marittimi jilhqnu l-għanijiet klimatiċi u ambjentali tagħhom**. Għal dan il-għan, dan id-dħul jenħtieġ li jiġi allokat lill-Fond **għall-Innovazzjoni** msemmi fl-Artikolu 10a(8) tad-Direttiva 2003/87/KE.

Emenda

- (37) Id-dħul iġġenerat mill-ħlas ta' penali jenħtieġ li **jiġi allokat lis-settur marittimu u** jintuża biex jippromwovi **d-dekarbonizzazzjoni tiegħu, inkluż l-appoġġ għall-iżvilupp, il-produzzjoni u l-varar ta' fjuwils alternattivi, għall-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi u għall-infrastruttura tal-OPS, kif ukoll għal teknoloġiji innovattivi ġodda**. Għal dan il-għan, dan id-dħul jenħtieġ li jiġi allokat lill-Fond **għall-Oċeani** msemmi fl-Artikolu 3ġab tad-Direttiva 2003/87/KE.

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 45

Proposta għal regolament

Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni

- (39) Minħabba l-importanza tal-konsegwenzi li jista' jkollhom il-miżuri meħuda mill-verifikaturi skont dan ir-Regolament għall-kumpaniji kkonċernati, b'mod partikolari rigward id-determinazzjoni ta' waqfiet mhux konformi f'port, **il-kalkolu** tal-ammonti ta' penali u r-rifjut li jinħareġ ċertifikat tal-konformità FuelEU, dawk il-kumpaniji jenħtieġ li jkunu intitolati japplikaw għal rieżami ta' dawn il-miżuri mal-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn ikun ġie akkreditat il-verifikatur. Fid-dawl tad-dritt fundamentali għal rimedju effettiv, minqux fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti u mill-korpi maniġerjali tal-port skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu soġġetti għal rimedju ġudizzjarju, imwettaq f'konformità mad-dritt nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat.

Emenda

- (39) Minħabba l-importanza tal-konsegwenzi li jista' jkollhom il-miżuri meħuda mill-verifikaturi skont dan ir-Regolament għall-kumpaniji kkonċernati, b'mod partikolari rigward id-determinazzjoni ta' waqfiet mhux konformi f'port, **il-ġbir ta' informazzjoni għall-kalkolu** tal-ammonti ta' penali u r-rifjut li jinħareġ ċertifikat tal-konformità FuelEU, dawk il-kumpaniji jenħtieġ li jkunu intitolati japplikaw għal rieżami ta' dawn il-miżuri mal-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn ikun ġie akkreditat il-verifikatur. Fid-dawl tad-dritt fundamentali għal rimedju effettiv, minqux fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti u mill-korpi maniġerjali tal-port skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu soġġetti għal rimedju ġudizzjarju, imwettaq f'konformità mad-dritt nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat.

Emenda 46

Proposta għal regolament

Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni

- (40) Sabiex jinżammu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni permezz tal-funzjonament effiċjenti ta' dan ir-Regolament, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emenda tal-lista ta' fatturi tal-emissjoni well-to-wake, tal-emenda tal-lista tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero applikabbli jew tal-kriterji għall-użu tagħhom, biex jiġu stabbiliti r-regoli dwar **it-tweqqif tal-ittestjar fil-laboratorju u l-kejl** dirett tal-emissjonijiet, l-adattament tal-fattur ta' penali, l-akkreditament tal-verifikaturi, l-adattament tal-fattur ta' penali, u l-modalitajiet għall-ħlas tal-penali. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma ta' tħejjija tagħha, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interstituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Emenda

- (40) Sabiex jinżammu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni permezz tal-funzjonament effiċjenti ta' dan ir-Regolament, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emenda tal-lista ta' fatturi tal-emissjoni well-to-wake, tal-emenda tal-lista tat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero applikabbli jew tal-kriterji għall-użu tagħhom, biex jiġu stabbiliti r-regoli dwar **iċ-ċertifikazzjoni tal-emissjonijiet attwali well-to-tank, ir-regoli dwar it-tweqqif tal-kejl** dirett tal-emissjonijiet, l-adattament tal-fattur ta' penali, l-akkreditament tal-verifikaturi, l-adattament tal-fattur ta' penali, u l-modalitajiet għall-ħlas tal-penali. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma ta' tħejjija tagħha, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interstituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 47

Proposta għal regolament

Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni

- (42) Minħabba d-dimensjoni internazzjonali tas-settur marittimu, huwa preferibbli approċċ globali għal-limitazzjoni tal-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata mill-vapuri, billi dan **jista' jitqies bħala** aktar effettiv minħabba l-kamp ta' applikazzjoni usa' tiegħu. F'dan il-kuntest, u bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' regoli internazzjonali fi ħdan l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkondividi informazzjoni rilevanti dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mal-IMO u ma' korpi internazzjonali rilevanti oħra, u jenħtieġ li jsiru s-sottomissjonijiet rilevanti lill-IMO. Meta jintlaħaq ftehim dwar approċċ globali dwar kwistjonijiet ta' rilevanza għal dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina dan ir-Regolament **bl-għan li** tallinjah, **fejn ikun xieraq**, mar-regoli internazzjonali.

Emenda

- (42) Minħabba d-dimensjoni internazzjonali tas-settur marittimu, huwa preferibbli approċċ globali għal-limitazzjoni tal-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata mill-vapuri, billi dan **ikun** aktar effettiv **b'mod sinifikanti** minħabba l-kamp ta' applikazzjoni usa' tiegħu. F'dan il-kuntest, u bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' regoli internazzjonali fi ħdan l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkondividi informazzjoni rilevanti dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mal-IMO u ma' korpi internazzjonali rilevanti oħra, u jenħtieġ li jsiru s-sottomissjonijiet rilevanti lill-IMO, **bit-tkomplija tal-isforzi tal-UE biex tippromwovi miri tad-dekarbonizzazzjoni marittima ambizzjużi fuq livell internazzjonali**. Meta jintlaħaq ftehim dwar approċċ globali dwar kwistjonijiet ta' rilevanza għal dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina dan ir-Regolament **biex** tallinjah mar-regoli internazzjonali.

Emenda 48

Proposta għal regolament

Premessa 42a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (42a) **Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni internazzjonali u jiġi mmassimizzat l-impatt ambjentali tal-leġiżlazzjoni dwar il-fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu fi ħdan l-IMO u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, sistemi ta' ċertifikazzjoni u monitoraġġ robusti għall-fjuwils rinnovabbli.**

Emenda 49

Proposta għal regolament

Premessa 42b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (42b) **Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura l-implimentazzjoni u d-disponibbiltà tal-għodod għall-kollaborazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki għas-settur tat-trasport marittimu, kif definit fil-“Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar”^(1a).**

^(1a) Il-Kummissjoni Ewropea, Brussell, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, 3.11.2021 SWD(2021)0305.

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 50

Proposta għal regolament

Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni

- (43) L-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u ta' sorsi alternattivi tal-enerġija minn vapuri li jaslu fi, **jkunu** fi jew jitolqu minn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru madwar l-Unjoni, **mhuwiex** objettiv li jista' jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri mingħajr ma jirriskjaw li jintroduċu ostakli għas-suq intern u distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bejn il-portijiet u bejn l-operaturi marittimi. Dan l-objettiv jista' jintlaħaq aħjar billi jiġu introdotti regoli uniformi fil-livell tal-Unjoni li jgħallqu inċentivi ekonomiċi għall-operaturi marittimi biex ikomplu joperaw mingħajr tfixkil filwaqt li jissodisfaw l-obbligi dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Għaldaqstant, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv,

Emenda

- (43) **L-iżvilupp** u l-użu **fuq skala kbira** ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u ta' sorsi alternattivi tal-enerġija minn vapuri li jaslu fi, **ikunu** fi jew jitolqu minn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru madwar l-Unjoni, **mhumix** objettiv li jista' jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri mingħajr ma jirriskjaw li jintroduċu ostakli għas-suq intern u distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bejn il-portijiet u bejn l-operaturi marittimi. Dan l-objettiv jista' jintlaħaq aħjar billi jiġu introdotti regoli uniformi fil-livell tal-Unjoni li jgħallqu inċentivi ekonomiċi għall-operaturi marittimi biex ikomplu joperaw mingħajr tfixkil filwaqt li jissodisfaw l-obbligi dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Għaldaqstant, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv,

Emenda 51

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

- (a) **il-limitu** fuq l-intensità tal-gassijiet serra ("GHG") tal-enerġija użata abbord minn vapur li jasal, ikun fi jew jitlaq minn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u

Emenda

- (a) **limitu** fuq l-intensità tal-gassijiet serra ("GHG") tal-enerġija użata abbord minn vapur li jasal, ikun fi jew jitlaq minn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u

Emenda 52

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

- (b) **l-obbligu** li tintuża provvista tal-enerġija fuq l-art jew teknoloġija b'emissjonijiet zero fil-portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru,

Emenda

- (b) **obbligu** li tintuża provvista tal-enerġija fuq l-art jew teknoloġija b'emissjonijiet zero fil-portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru.

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 53

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti finali

Test propost mill-Kummissjoni

sabiex jiżdied l-użu konsistenti ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u ta' sorsi alternattivi tal-enerġija madwar l-Unjoni, filwaqt li jiġi żgurat **tħaddim** mingħajr xkiel tat-traffiku marittimu u jiġu evitati distorsjonijiet fis-suq intern.

Emenda

L-għan tiegħu f'dan huwa li jiżid l-użu konsistenti ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u ta' sorsi alternattivi tal-enerġija **fit-trasport marittimu** madwar l-Unjoni, **f'konformità mal-oġettiv tal-Unjoni li tintlaħaq in-newtralità klimatika fl-Unjoni sa mhux aktar tard mill-2050 u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi**, filwaqt li jiġi żgurat **it-tħaddim** mingħajr xkiel tat-traffiku marittimu, **jinħolqu opportunitajiet ta' żvilupp għall-industrija marittima** u jiġu evitati distorsjonijiet fis-suq intern.

Emenda 54

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Dan ir-Regolament japplika għall-vapuri kollha b'tunnellaġġ gross ta' aktar minn 5 000, irrispettivament mill-bandiera tagħhom, fir-rigward:

Emenda

(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)

Emenda 55

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) tal-enerġija kollha użata fuq vjaġġi minn port tal-waqfa taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru lejn port tal-waqfa taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, **u**

Emenda

(b) tal-enerġija kollha użata fuq vjaġġi minn port tal-waqfa taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru lejn port tal-waqfa taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru,

Emenda 56

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(ba) **nofs l-enerġija użata fuq vjaġġi li jitolqu minn jew jaslu f'port tal-waqfa li jinsab f'reġjun ultraperiferiku taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, u**

Emenda

(ba) **nofs l-enerġija użata fuq vjaġġi li jitolqu minn jew jaslu f'port tal-waqfa li jinsab f'reġjun ultraperiferiku taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, u**

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 57

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) ta' nofs l-enerġija użata fuq vjaġġi li jtilqu minn jew li jaslu f'port tal-waqfa taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, fejn l-aħħar port tal-waqfa jew dak sussegwenti jkun taħt il-ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz.

Emenda

(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)

Emenda 58

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Dan ir-Regolament ma japplikax għal vapuri tal-gwerra, awżiljarji navali, vapuri li jaqbd u l-ħut jew vapuri li jipproċessaw il-ħut, vapuri tal-injam b'binja primittiva, **vapuri li ma jitħaddmux b'mezzi mekkaniċi**, jew vapuri tal-Istat li jintużaw għal skopijiet mhux kummerċjali.

Emenda

Dan ir-Regolament ma japplikax għal vapuri tal-gwerra, awżiljarji navali, vapuri li jaqbd u l-ħut jew vapuri li jipproċessaw il-ħut, vapuri tal-injam b'binja primittiva, jew vapuri tal-Istat li jintużaw għal skopijiet mhux kummerċjali.

Emenda 59

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jstabbilixxi l-lista ta' portijiet ġirien tat-trażbord tal-kontejners esklużi mid-definizzjoni ta' portijiet tal-waqfa għal vapuri tal-kontejners stabbilita f'dan ir-Regolament.

Mill-inqas kull sentejn minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jaġġornaw dik il-lista ta' portijiet ġirien tat-trażbord tal-kontejners esklużi mid-definizzjoni ta' portijiet tal-waqfa għal vapuri tal-kontejners stabbilita f'dan ir-Regolament.

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jelenkaw il-portijiet ġirien tat-trażbord tal-kontejners li jinsabu barra mill-Unjoni iżda inqas minn 300 mil nawtiku bogħod mit-territorju tal-Unjoni, fejn is-sehem tat-trażbord tal-kontejners, imkejjel f'unità ekwivalenti għal għoxrin pied, jaqbeż il-65 % tat-traffiku totali tal-kontejners ta' dak il-port matul il-perjodu ta' tnax-il xahar l-aktar reċenti li għalih tkun disponibbli d-data rilevanti.

Għall-fini ta' din il-lista, il-kontejners għandhom jitqiesu bħala trażbordati meta jinħattu minn vapur lejn il-port għall-iskop uniku li jitgħabbew fuq vapur ieħor. Il-portijiet li jinsabu f'pajjiż terz li japplika b'mod effettiv miżuri li huma ambizzjużi daqs ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament ma għandhomx jiġu inklużi.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 27(3).

Emenda 60

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri jistgħu, fir-rigward tal-enerġija użata fuq vjaġġi mwettqa minn vapuri tal-passiġġieri għajr vapuri tal-kruċieri bejn port tal-waqfa taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u port tal-waqfa taħt il-ġurisdizzjoni tal-istess Stat Membru li jinsab fi gżira b'inqas minn 100 000 resident permanenti, u fir-rigward tal-enerġija użata matul is-soġġorn tagħhom f'waqfa f'port tal-gżira korrispondenti, jeżentaw rotot u portijiet speċifiċi mill-applikazzjoni tal-paragrafu 1 (a) u (b). L-Istati Membri għandhom jaġhtu notifika lill-Kummissjoni fir-rigward ta' dawk l-eżenzjonijiet qabel ma jidħlu fis-seħħ, u l-Kummissjoni għandha tippubblikahom f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. L-ebda eżenzjoni bħal din ma għandha tapplika wara l-31 ta' Diċembru 2029.

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 61**Proposta għal regolament****Artikolu 2 – paragrafu 2c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri jistgħu, fir-rigward tal-enerġija użata fuq vjaġġi mwettqa bejn port tal-waqfa li jinsab f'reġjun ultraperiferiku u port tal-waqfa ieħor li jinsab f'reġjun ultraperiferiku, u fir-rigward tal-enerġija użata matul is-sogħorn tagħhom fil-portijiet tal-waqfa tar-reġjuni ultraperiferiċi korrispondenti, jeżentaw rotot u portijiet speċifiċi mill-applikazzjoni tal-paragrafu 1(a) u (ba). L-Istati Membri għandhom jagħtu notifika lill-Kummissjoni fir-rigward ta' dawk l-eżenzjonijiet qabel ma jidħlu fis-seħħ, u l-Kummissjoni għandha tippubblikahom f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. L-ebda eżenzjoni bħal din ma għandha tapplika wara l-31 ta' Diċembru 2029. Xejn m'għandu jipprevjeni lill-Istati Membri, lir-reġjuni u t-territorji tagħhom, milli jiddeċiedu li ma japplikawx din l-eżenzjoni jew milli jtemmu kwalunkwe eżenzjoni li jkunu taw qabel il-31 ta' Diċembru 2029.

Emenda 62**Proposta għal regolament****Artikolu 2 – paragrafu 2d (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri jistgħu, fir-rigward tal-enerġija użata fuq vjaġġi mwettqa fil-qafas ta' kuntratt ta' servizz pubbliku jew fuq vjaġġi mwettqa minn bastimenti soġġetti għal obbligi ta' servizz pubbliku skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92, jeżentaw rotot speċifiċi mill-applikazzjoni tal-paragrafu 1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw tali eżenzjonijiet qabel ma jidħlu fis-seħħ lill-Kummissjoni, li għandha tippubblikahom f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. L-ebda eżenzjoni bħal din ma għandha tapplika wara l-31 ta' Diċembru 2029.

Emenda 63**Proposta għal regolament****Artikolu 2 – paragrafu 2e (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha timmonitorja kontinwament l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq id-devjazzjoni tal-merkanzija, b'mod partikolari permezz ta' portijiet tat-trażbord f'pajjiżi ġirien. Meta l-Kummissjoni tidentifika impatti negattivi kbar fuq il-portijiet tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposti leġiżlattivi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex temenda dan ir-Regolament. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tanalizza l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq ir-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer, u għandha, fejn xieraq, tippromovi emendi għall-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 64

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) “sorsi alternattivi tal-enerġija” tfisser enerġija rinnovabbli **mir-riħ jew mix-xemx iġġenerata** abbord jew elettriku forn timer minn provvista tal-enerġija fuq l-art;

Emenda

(h) “sorsi alternattivi tal-enerġija” tfisser enerġija rinnovabbli **ġġenerata** abbord jew elettriku forn timer minn provvista tal-enerġija fuq l-art;

Emenda 65

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ħa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ħa) “propulsjoni tar-riħ” jew “propulsjoni assistita mir-riħ” tfisser teknika ta' propulsjoni li tikkontribwixxi primarjament jew b'mod awżiljarju għall-propulsjoni ta' kwalunkwe tip ta' bastiment permezz tal-enerġija mir-riħ, li tiġi utillizzata meta l-vapur ikun qed ibaħħar;

Emenda 66

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) “port tal-waqfa” tfisser port **tal-waqfa kif iddefinit fl-Artikolu 3, il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2015/757**;

Emenda

(i) “port tal-waqfa” tfisser port **fejn bastiment jieqaf biex jgħabbi jew iħott parti sostanzjali mill-merkanzija tiegħu jew biex jimbarka jew jżbarka passiġġieri; u konsegwentement, huma esklużi waqfiet għall-finijiet uniċi ta' riforniment ta' fjuwil, akkwist ta' provvisti, bdil ta' ekwipaġġ, dħul f'baċiri jew tiswijiet lill-vapur jew lit-tagħmir tiegħu, waqfiet f'port minħabba li l-vapur ikun jeħtieġ assistenza jew jinsab fil-periklu, trażbordi minn vapur għal vapur barra mill-portijiet, waqfiet għall-iskop uniku ta' rifuġju minn temp ħażin jew li jsiru meħtieġa minħabba attivitajiet ta' tiftix u salvataġġ u waqfiet ta' vapuri tal-kontejners f'port ġar tat-trażbord tal-kontejners**;

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 67

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni

(m) “vapur irmiġġat” tfisser vapur irmiġġat **kif iddefinit fl-Artikolu 3, il-punt (n) tar-Regolament (UE) 2015/757;**

Emenda

(m) “vapur irmiġġat” tfisser vapur **li jkun** irmiġġat **b'mod sikur mal-moll f'port li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru waqt li jkun qed jgħabbi, iħott, waqt l-imbark jew l-iżbark ta' passiġġieri jew waqt attivitajiet ta' akkomodazzjoni ta' persuni, inkluż il-ħin li fih ma jkunx involut fl-operazzjonijiet tal-merkanzija jew tal-passiġġieri;**

Emenda 68

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni

(n) “użu tal-enerġija abbord” tfisser l-ammont ta' enerġija, espress f'mega joules (MJ), użat minn vapur għall-propulsjoni u għat-tħaddim ta' kwalunkwe tagħmir abbord, fuq il-baħar jew fl-irmiġġ;

Emenda

(n) “użu tal-enerġija abbord” tfisser l-ammont ta' enerġija, espress f'mega joules (MJ), użat minn vapur għall-propulsjoni u għat-tħaddim ta' kwalunkwe tagħmir abbord, fuq il-baħar jew fl-irmiġġ **mingħajr l-enerġija addizzjonali użata minħabba l-karatteristiċi tekniċi ta' vapur li jkollu l-klassi ta' silġ IA jew IA Super jew klassi ekwivalenti ta' silġ, u mingħajr l-enerġija addizzjonali użata minn vapur li jkollu l-klassi ta' silġ IC, IB, IA jew IA Super jew klassi ekwivalenti ta' silġ minħabba t-tbajhir f'kundizzjonijiet ta' silġ;**

Emenda 69

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt qa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(qa) “klassi tas-silġ” tfisser l-indikazzjoni mogħtija lill-bastiment mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istat tal-bandiera, jew minn organizzazzjoni rikonoxxuta minn dak l-Istat, li turi li l-bastiment għe mfassal għan-navigazzjoni f'kundizzjonijiet ta' silġ fuq il-baħar.

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 70

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt qb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(qb) “*tbaħħir f'kundizzjonijiet tas-silġ*” tfisser *it-tbaħħir ta' vapur tal-klassi tas-silġ f'żona tal-baħar fil-limitu tas-silġ*;

Emenda 71

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt qc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(qc) “*limitu tas-silġ*” tfisser *id-demarkazzjoni fi kwalunkwe mument partikolari bejn l-ibħra miftuħa u s-silġ tal-baħar ta' kwalunkwe tip, sew jekk fiss kif ukoll iżomm f'wiċċ l-ilma*;

Emenda 72

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt r

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(r) “provvista tal-enerġija fuq l-art” tfisser is-sistema ta' provvista tal-elettriku lill-vapuri rmiġġati, b'voltaġġ baxx jew għoli u b'kurrent alternat jew dirett, inklużi installazzjonijiet fuq in-naħa tal-vapur u fuq ix-xatt, **meta tkun qed tiġi alimentata direttament** l-iswiċċbord ta' distribuzzjoni ewlenija tal-vapur biex tingħata enerġija lit-tagħbijiet tal-lukanda u tas-servizz, jew biex jiġu ċċarġjati l-batteriji sekondarji;

(r) “provvista tal-enerġija fuq l-art” tfisser is-sistema ta' provvista tal-elettriku lill-vapuri rmiġġati, b'voltaġġ baxx jew għoli u b'kurrent alternat jew dirett, inklużi installazzjonijiet **fissi, fuq wiċċ l-ilma u mobbli** fuq in-naħa tal-vapur u fuq ix-xatt, **li talimenta** l-iswiċċbord ta' distribuzzjoni ewlenija tal-vapur biex tingħata enerġija lit-tagħbijiet tal-lukanda u tas-servizz, jew biex jiġu ċċarġjati l-batteriji sekondarji;

Emenda 73

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

— -13% mill-1 ta' Jannar 2035;

— -20 % mill-1 ta' Jannar 2035;

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 74**Proposta għal regolament****Artikolu 4 – paragrafu 2 – inċiż 4***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*— **-26** % mill-1 ta' Jannar 2040;— **-38** % mill-1 ta' Jannar 2040;**Emenda 75****Proposta għal regolament****Artikolu 4 – paragrafu 2 – inċiż 5***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*— **-59** % mill-1 ta' Jannar 2045;— **-64** % mill-1 ta' Jannar 2045;**Emenda 76****Proposta għal regolament****Artikolu 4 – paragrafu 2 – inċiż 6***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*— **-75** % mill-1 ta' Jannar 2050.— **-80** % mill-1 ta' Jannar 2050.**Emenda 77****Proposta għal regolament****Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

[Nota: Il-valur referenzjarju, li l-kalkolu tiegħu se jitwettaq fi stadju aktar tard tal-proċedura leġislattiva, jikkorrispondi għall-intensità medja tal-flotta tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord mill-vapuri fl-2020, iddeterminata abbażi tad-data mmonitorjata u rrappurtata fil-qafas tar-Regolament (UE) 2015/757 u bl-użu tal-metodoloġija u l-valuri prestabbiliti fl-Anness I ta' dak ir-Regolament.]

[Nota: Il-valur referenzjarju, li l-kalkolu tiegħu se jitwettaq fi stadju aktar tard tal-proċedura leġislattiva, jikkorrispondi għall-intensità medja tal-flotta **tal-Unjoni** tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord mill-vapuri fl-2020, iddeterminata abbażi tad-data mmonitorjata u rrappurtata fil-qafas tar-Regolament (UE) 2015/757 u bl-użu tal-metodoloġija u l-valuri prestabbiliti fl-Anness I ta' dak ir-Regolament.]

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 78

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord minn vapur għandha tiġi kkalkulata bħala l-ammont ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għal kull unità ta' enerġija, skont il-metodoloġija speċifikata fl-Anness I.

Emenda

3. L-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord minn vapur għandha tiġi kkalkulata bħala l-ammont ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għal kull unità ta' enerġija, skont il-metodoloġija speċifikata fl-Anness I. **Għall-vapuri fi klassijiet tas-silġ, għandu jiġi applikat fattur ta' korrezzjoni, li jwassal għat-tnaqqis tal-konsum ogħla tal-fjuwil marbut man-navi-gazzjoni fis-silġ.**

Emenda 79

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

3a. Il-valuri prestabbiliti indikati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament għandhom iservu bħala l-bażi għall-kalkolu tal-fatturi tal-emissjoni. Fejn jeżistu valuri attwali vverifikati permezz ta' ċertifikazzjoni jew kejl dirett tal-emissjonijiet, minflok jistgħu jintużaw daww il-valuri attwali.

Emenda

3a. Il-valuri prestabbiliti indikati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament għandhom iservu bħala l-bażi għall-kalkolu tal-fatturi tal-emissjoni. Fejn jeżistu valuri attwali vverifikati permezz ta' ċertifikazzjoni jew kejl dirett tal-emissjonijiet, minflok jistgħu jintużaw daww il-valuri attwali.

Emenda 80

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 biex temenda l-Anness II sabiex tinkludi l-fatturi ta' emissjoni well-to-wake relatati ma' kwalunkwe sors ġdid ta' enerġija, **jew** biex tadatta l-fatturi ta' emissjoni eżistenti biex tiżgura l-konsistenza mal-istandards internazzjonali futuri jew mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija.

Emenda

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 biex temenda l-Anness II sabiex tinkludi l-fatturi ta' emissjoni well-to-wake relatati ma' kwalunkwe sors ġdid ta' enerġija, biex tadatta l-fatturi ta' emissjoni eżistenti biex tiżgura l-konsistenza mal-istandards internazzjonali futuri jew mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija **u biex tiżgura li kemm jista' jkun huma rappreżentattivi tal-emissjonijiet reali matul l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-fjuwils, skont l-aħjar għarfien xjentifiku u tekniku disponibbli.**

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 81

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Għandhom jiġu organizzati konsultazzjonijiet bejn il-korpi maniġerjali tal-portijiet, l-operaturi tat-terminals, is-sidien tal-vapuri, l-operaturi tal-vapuri, il-fornituri tal-fjuwils u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, biex tiġi żgurata l-kooperazzjoni fir-rigward tal-provvista ta' fjuwil alternattiv li hija pplanata u varata f'portijiet individwali, kif ukoll fir-rigward tad-domanda mistennija minn bastimenti li jidħlu f'dawk il-portijiet.

Emenda 82

Proposta għal regolament

Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 4a

L-użu ta' Fjuwils Rinnovabbli ta' Oriġini Mhux Bijoloġika

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa, jekk ikun meħtieġ billi jużaw il-mekkaniżmu ta' skambju ta' krediti stabbilit fid-Direttiva XXXX [id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli], biex jiżguraw li l-fjuwils rinnovabbli ta' orijini mhux bijoloġika (RFNBOs) isiru disponibbli fil-portijiet fit-territorju tagħhom.

2. Mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2034, fid-denominatur tal-Ekwazzjoni (1) tal-Anness I għandu jintuża multiplikatur ta' "2" għall-kalkolu tal-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord, sabiex il-kumpaniji jiġu ppremjati talli jużaw il-fjuwils RFNBO.

3. Mill-1 ta' Jannar 2030, mill-inqas 2 % tal-enerġija medja annwali użata abbord vapur għandha tiġi ssodisfata bl-RFNBOs konformi mal-paragrafu 1(b) tal-Artikolu 9.

4. Sal-31 ta' Diċembru 2034, il-paragrafu 3 ma għandux japplika għall-kumpaniji, u s-sussidjarji tagħhom, li joperaw tliet vapuri jew inqas li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni stabbilit fl-Artikolu 2(1).

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Sa mhux aktar tard mill-2028, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-obbligu stabbilit fil-paragrafu 3 bil-ħsieb li taġġustah jekk:

- ikun hemm tħassib serju dwar il-kapaċità tal-produzzjoni, id-disponibbiltà jew il-prezz tal-RFNBOs, jew;
- ikun hemm tnaqqis sostanzjali fil-kostijiet u disponibbiltà ġeografikament komprensiva tal-RFNBOs u l-ħtieġa li jiżied il-livell ta' subkwota biex jintlaħqu l-miri klimatiki tal-Unjoni.

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 biex tistabbilixxi l-kriterji għal din il-valutazzjoni, u biex taġġusta l-obbligi fl-Artikolu 4a(3) u fl-Anness V jekk jitqies meħtieġ mill-valutazzjoni mwettqa f'konformità mal-paragrafu 5.

Emenda 83

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Mill-1 ta' Jannar 2030, vapur irmiġġat f'port tal-waqfa **taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru** għandu jiġi konness ma' provvista tal-enerġija fuq l-art u jużaha għall-ħtiġijiet kollha **tal-enerġija** waqt li jkun irmiġġat.

1. Mill-1 ta' Jannar 2030, vapur irmiġġat f'port tal-waqfa **kopert mill-Artikolu 9 tar-Regolament XXXX-XXX (ir-Regolament dwar Infrastruttura tal-Karburanti Alternattivi)** għandu jiġi konness ma' provvista tal-enerġija fuq l-art u jużaha għall-ħtiġijiet kollha **tal-elettriku tiegħu** waqt li jkun irmiġġat. **Fil-każ li port mhux tan-network TEN-T ikun installa volontarjament l-provvista tal-enerġija fuq l-art, il-vapuri li jieqfu f'dak il-port u li jkollhom abbord tagħmir li jkun kompatibbli mal-provvista tal-enerġija fuq l-art għandhom jikkonnettjaw mal-provvista tal-enerġija fuq l-art meta disponibbli fil-post tal-irmiġġ li jkun qed iżur.**

Emenda 84

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) li jużaw teknoloġiji b'emissjonijiet zero, kif speċifikat fl-Anness III;

(b) li jużaw teknoloġiji b'emissjonijiet zero, kif speċifikat fl-Anness III **dment li kontinwament jiksbu emissjonijiet li huma ekwivalenti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li jinkiseb kieku tintuża l-provvista tal-enerġija fuq l-art;**

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 85**Proposta għal regolament****Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt d***Test propost mill-Kummissjoni*

(d) li ma jkunux jistgħu jikkonnettjaw mal-provvista tal-enerġija fuq l-art minħabba li ma jkunx hemm punti ta' konnessjoni disponibbli f'port;

Emenda

(d) li ma jkunux jistgħu jikkonnettjaw mal-provvista tal-enerġija fuq l-art minħabba li ma jkunx hemm punti ta' konnessjoni disponibbli f'port, **inkluż minħabba nuqqas (temporanju) ta' kapaċità fil-grilja, inkluż matul l-ogħla domandi (staġjonali) tal-enerġija min-naħa tal-vapuri waqt li jkunu rmiġġati;**

Emenda 86**Proposta għal regolament****Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt e***Test propost mill-Kummissjoni*

(e) li ma jkunux jistgħu jikkonnettjaw mal-provvista tal-enerġija fuq l-art minħabba li l-installazzjoni fil-port ma tkunx kompatibbli mat-tagħmir tal-elettriku mix-xatt li jkun hemm abbord;

Emenda

(e) li ma jkunux jistgħu jikkonnettjaw mal-provvista tal-enerġija fuq l-art minħabba li l-installazzjoni fil-port ma tkunx kompatibbli mat-tagħmir tal-elettriku mix-xatt li jkun hemm abbord, **dment li l-installazzjoni għall-konnessjoni mal-art abbord il-vapur tkun iċċertifikata skont l-istandards speċifikati fl-Anness II tar-Regolament XXXX-XXX (Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi) għas-sistemi ta' konnessjoni mal-art tal-vapuri li jbaħħru;**

Emenda 87**Proposta għal regolament****Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

3a. L-operaturi tal-vapuri għandhom jinfurmaw minn qabel lill-portijiet li jidħlu fihom dwar l-intenzjoni tagħhom li jikkonnettjaw mal-provvista tal-enerġija fuq l-art jew l-intenzjoni tagħhom li jużaw teknoloġija b'emissjonijiet żero kif definit fl-Anness III ta' dan ir-Regolament. L-operaturi tal-vapuri għandhom jindikaw ukoll, fejn applikabbli, l-ammont ta' enerġija li jistennew li jeħtieġu matul dik iż-żjara u jinfurmaw dwar it-tagħmir tal-enerġija disponibbli abbord.

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 88

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 biex temenda l-Anness III sabiex iddaħħal referenzi għal teknoloġiji ġodda fil-lista ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero applikabbli jew **kriterji** għall-użu tagħhom, fejn dawn it-teknoloġiji l-ġodda jinstabu ekwivalenti għat-teknoloġiji elenkati f'dak l-Anness fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku.

Emenda

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 biex temenda l-Anness III sabiex iddaħħal referenzi għal teknoloġiji ġodda fil-lista ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero applikabbli jew **sabiex timmodifika il-kriterji** għall-użu tagħhom, fejn dawn it-teknoloġiji l-ġodda **jew il-kriterji għall-użu tagħhom** jinstabu **li jkunu** ekwivalenti għat-teknoloġiji elenkati f'dak l-Anness **jew aħjar minnhom** fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku.

Emenda 89

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-korp maniġerjali tal-port tal-waqfa **għandu jiddetermina** jekk japplikawx l-eċċezzjonijiet stipulati fil-paragrafu 3 u **joħroġ** jew **jirrifjuta** li **joħroġ iċ-ċertifikat** f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness IV.

Emenda

5. Il-korp maniġerjali tal-port tal-waqfa, **jew meta applikabbli l-operatur tat-terminal jew l-awtorità kompetenti, għandhom jiddeterminaw** jekk japplikawx l-eċċezzjonijiet stipulati fil-paragrafu 3 u **joħorġu** jew **jirrifjutaw** li **joħorġu iċ-ċertifikat** f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness IV.

Emenda 90

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. **Mill-1 ta' Jannar 2035, l-eċċezzjonijiet elenkati fil-paragrafu 3, il-punti (d) u (e), ma jistgħux jiġu applikati għal vapur partikolari aktar minn total ta' ħames darbiet matul sena ta' rappurtar waħda. Waqfa f'port ma għandhiex tingħadd għall-finijiet tal-konformità ma' din id-dispożizzjoni fejn il-kumpanija turi li ma setgħetx tkun taf b'mod raġonevoli li l-vapur mhux se jkun jista' jikkonnettja għar-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu 3, il-punti (d) u (e).**

Emenda

imħassar

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 91**Proposta għal regolament****Artikolu 5 – paragrafu 7a (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

7a. Għandhom jiġu organizzati konsultazzjonijiet bejn il-korpi ta' ġestjoni tal-portijiet, l-operaturi tat-terminals, is-sidien tal-vapuri, l-operaturi tal-vapuri, il-fornituri tal-provvista tal-enerġija fuq l-art, il-ġestjonarji tal-grilja u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra biex tiġi żgurata l-koooperazzjoni fir-rigward tal-infrastruttura tal-provvista tal-enerġija fuq l-art li hija ppjanata u varata f'portijiet individwali, kif ukoll fir-rigward tad-domanda mistennija mill-bastimenti li jidħlu f'dawn il-portijiet.

Emenda 92**Proposta għal regolament****Artikolu 6 – paragrafu 4***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

4. Il-kumpaniji għandhom jiksbu, jirreġistraw, jikkompilaw, janalizzaw u jiddokumentaw b'mod trasparenti u preċiż id-data ta' monitoraġġ, inklużi s-suppożizzjonijiet, ir-referenzi, il-fatturi ta' emissjoni u d-data dwar l-attivitajiet, biex il-verifikatur ikun jista' jiddetermina l-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord mill-vapuri.

4. Il-kumpaniji għandhom jiksbu, jirreġistraw, jikkompilaw, janalizzaw u jiddokumentaw b'mod trasparenti u preċiż id-data ta' monitoraġġ, inklużi s-suppożizzjonijiet, ir-referenzi, il-fatturi ta' emissjoni u d-data dwar l-attivitajiet, **u kwalunkwe informazzjoni oħra meħtieġa għall-konformità ma' dan ir-Regolament**, biex il-verifikatur ikun jista' jiddetermina l-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord mill-vapuri.

Emenda 93**Proposta għal regolament****Artikolu 7 – paragrafu 3 – punt e***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(e) deskrizzjoni tas-sors(i) intenzjonat(i) ta' enerġija li għandha/għandhom tintuża/jintużaw abbord waqt in-navigazzjoni u mal-irmiġġ biex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 4 u 5;

(e) deskrizzjoni tas-sors(i) intenzjonat(i) ta' enerġija li għandha/għandhom tintuża/jintużaw abbord waqt in-navigazzjoni u mal-irmiġġ biex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 4 u 5, **kif ukoll fl-Annessi I u III, rispettivament;**

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 94**Proposta għal regolament****Artikolu 7 – paragrafu 3 – punt k***Test propost mill-Kummissjoni*

(k) deskrizzjoni tal-metodu li għandu jintuża biex tiġi ddeterminata d-data ta' sostituzzjoni għall-eliminazzjoni ta' lakuni fid-data;

Emenda

(k) deskrizzjoni tal-metodu li għandu jintuża biex tiġi ddeterminata d-data ta' sostituzzjoni għall-eliminazzjoni ta' lakuni fid-data **jew għall-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbalji tad-data;**

Emenda 95**Proposta għal regolament****Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

3a. Jekk l-enerġija addizzjonali meħtieġa minħabba l-klassi tas-silġ tal-vapur għandha tiġi eskluża mill-enerġija użata abbord, il-pjan ta' monitoraġġ għandu jinkludi wkoll:

(a) **informazzjoni dwar il-klassi ta' silġ tal-vapur;**

(b) **deskrizzjoni tal-proċedura għall-monitoraġġ tad-distanza vvjaġġata tul il-vjaġġ kollu; u**

(c) **fit-tbajh f'kundizzjonijiet ta' silġ, id-data u l-ħin fit-tbajh f'kundizzjonijiet ta' silġ, il-konsum tal-fjuwil u l-enerġija pprovduta minn sorsi alternattivi tal-enerġija, jew teknoloġija b'emissjonijiet żero kif speċifikat fl-Anness III fit-tbajh f'kundizzjonijiet ta' silġ.**

Emenda 96**Proposta għal regolament****Artikolu 8 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-kumpaniji għandhom jiċċekkjaw regolarment, u mill-inqas kull sena, jekk il-pjan ta' monitoraġġ ta' vapur jirriflettix in-natura u l-funzjonament tal-vapur u jekk kwalunkwe data inkluża fih tistax tiġi mtejbja.

Emenda

1. Il-kumpaniji għandhom jiċċekkjaw regolarment, u mill-inqas kull sena, jekk il-pjan ta' monitoraġġ ta' vapur jirriflettix in-natura u l-funzjonament tal-vapur u jekk kwalunkwe data inkluża fih tistax tiġi mtejbja, **ikkoreġuta jew aġġornata.**

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 97

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-kumpaniji għandhom jimmodifikaw il-pjan ta' monitoraġġ fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

Emenda

2. Il-kumpaniji għandhom jimmodifikaw il-pjan ta' monitoraġġ **mingħajr dewmien bla bżonn** fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

Emenda 98

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) **fejn il-metodi għall-prevenzjoni tal-lakuni fid-data u għall-identifikazzjoni tal-iżbalji fid-data jkunu nstabu li mhumiex adegwati biex jiżguraw is-solidità u t-trasparenza tad-data.**

Emenda 99

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-kumpaniji għandhom jipprovdu data preċiża u affidabbli dwar l-intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-karatteristiċi ta' sostenibbiltà tal-bijofjuwils, il-bijogass, il-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u l-fjuwils tal-karbonju riċiklat, ivverifikata minn skema rikonoxxuta mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 30(5) u (6) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

Emenda

2. Il-kumpaniji għandhom jipprovdu data preċiża, **kompluta** u affidabbli dwar l-intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-karatteristiċi ta' sostenibbiltà tal-bijofjuwils, il-bijogass, il-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u l-fjuwils tal-karbonju riċiklat, ivverifikata minn skema rikonoxxuta mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 30(5) u (6) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

Emenda 100

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-kumpaniji għandhom ikunu intitolati **jiddevjaw** mill-valuri prestabbiliti għall-fatturi ta' emissjoni tank-to-wake, dment li l-valuri effettivi jiġu ċertifikati permezz ta' ttestjar fil-laboratorju jew ta' kejl dirett tal-emissjonijiet. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26, sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-regoli dwar it-tweqqif **tal-ittestjar fil-laboratorju u** tal-kejl dirett tal-emissjonijiet.

Emenda

3. Il-kumpaniji għandhom ikunu intitolati **jiddiverġu** mill-valuri prestabbiliti għall-fatturi ta' emissjoni tank-to-wake dment li l-valuri effettivi jiġu ċertifikati permezz ta' ttestjar fil-laboratorju jew ta' kejl dirett tal-emissjonijiet **f'konformità mal-iskemi ta' ċertifikazzjoni u verifika eżistenti stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/2001 u d-Direttiva (UE) XXXX/XXXX [Id-Direttiva dwar il-Gass]**. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26, sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-regoli dwar it-tweqqif tal-kejl dirett tal-emissjonijiet.

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 101
Proposta għal regolament
Artikolu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 9a

Ċertifikazzjoni ta' fjuwils oħra

1. Il-kumpaniji għandhom ikunu intitolati li jiddiverġu mill-valuri prestabbiliti għall-fatturi ta' emissjoni well-to-tank tal-fjuwils l-oħra kollha dment li l-valuri reali jiġu stabbiliti permezz ta' ċertifikazzjoni jew kejl dirett tal-emissjonijiet.
2. Il-kumpaniji għandhom ikunu intitolati li jiddiverġu mill-valuri prestabbiliti għall-fatturi ta' emissjoni tank-to-wake tal-fjuwils l-oħra kollha dment li l-valuri reali jiġu ċertifikati permezz ta' kejl dirett tal-emissjonijiet.
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26, sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-regoli dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' emissjonijiet reali well-to-tank u r-regoli dwar it-twettiq tal-kejl dirett tal-emissjonijiet.

Emenda 102
Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-verifikatur għandu jivvaluta l-konformità tal-pjan ta' monitoraġġ mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 6 sa 9. Fejn il-valutazzjoni tal-verifikatur tidentifika nuqqasijiet ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti, il-kumpanija kkonċernata għandha tirrevedi l-pjan ta' monitoraġġ tagħha kif meħtieġ u tissottometti l-pjan rivedut għal valutazzjoni finali mill-verifikatur qabel ma jibda l-perjodu ta' rappurtar. Il-kumpanija kkonċernata għandha taqbel mal-verifikatur dwar il-perjodu ta' żmien meħtieġ biex jiġu introdotti dawk ir-reviżjonijiet. Fi kwalunkwe każ, dak il-perjodu ta' żmien ma għandux jiskorri l-bidu tal-perjodu ta' rappurtar.

1. Il-verifikatur għandu jivvaluta l-konformità tal-pjan ta' monitoraġġ mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 6 sa 9. Fejn il-valutazzjoni tal-verifikatur tidentifika nuqqasijiet ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti, il-kumpanija kkonċernata għandha **mingħajr dewmien żejjed** tirrevedi l-pjan ta' monitoraġġ tagħha kif meħtieġ u tissottometti l-pjan rivedut għal valutazzjoni finali mill-verifikatur qabel ma jibda l-perjodu ta' rappurtar. Il-kumpanija kkonċernata għandha taqbel mal-verifikatur dwar il-perjodu ta' żmien meħtieġ biex jiġu introdotti dawk ir-reviżjonijiet. Fi kwalunkwe każ, dak il-perjodu ta' żmien ma għandux jiskorri l-bidu tal-perjodu ta' rappurtar.

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 103**Proposta għal regolament****Artikolu 10 – paragrafu 3***Test propost mill-Kummissjoni*

3. Fejn il-valutazzjoni tal-verifika tidentifika dikjarazzjonijiet skorretti jew nuqqasijiet ta' konformità ma' dan ir-Regolament, il-verifikatur għandu jinforma lill-kumpanija kkonċernata dwar dan f'waqtu. Dik il-kumpanija mbagħad għandha temenda d-dikjarazzjonijiet skorretti jew in-nuqqasijiet ta' konformità sabiex il-proċess ta' verifika jkun jista' jitlesta fil-ħin.

Emenda

3. Fejn il-valutazzjoni tal-verifika tidentifika dikjarazzjonijiet skorretti jew nuqqasijiet ta' konformità ma' dan ir-Regolament, il-verifikatur għandu jinforma lill-kumpanija kkonċernata dwar dan f'waqtu. Dik il-kumpanija mbagħad għandha **mingħajr dewmien żejjed** temenda d-dikjarazzjonijiet skorretti jew in-nuqqasijiet ta' konformità sabiex il-proċess ta' verifika jkun jista' jitlesta fil-ħin.

Emenda 104**Proposta għal regolament****Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt d***Test propost mill-Kummissjoni*

(d) l-użu ta' provvista tal-enerġija fuq l-art jew il-preżenza ta' eċċezzjonijiet iċċertifikati f'konformità mal-Artikolu 5(5).

Emenda

(d) l-użu ta' provvista tal-enerġija fuq l-art jew il-preżenza ta' eċċezzjonijiet **elenkati fl-Artikolu 5(3) kif** iċċertifikati f'konformità mal-Artikolu 5(5).

Emenda 105**Proposta għal regolament****Artikolu 11 – paragrafu 3 – punt d***Test propost mill-Kummissjoni*

(d) ir-reġistri rilevanti tal-vapur huma kompleti u konsistenti.

Emenda

(d) ir-reġistri rilevanti tal-vapur huma kompleti, **trasparenti** u konsistenti.

Emenda 106**Proposta għal regolament****Artikolu 12 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-verifikatur għandu jidentifika r-riskji potenzjali relatati mal-proċess ta' monitoraġġ u rappurtar billi jqabbel l-ammont, it-tip u l-fattur ta' emissjoni rrappurtati tal-enerġija użata abbord minn vapuri mad-data stmata abbażi tad-data ta' traċċar tal-vapuri u karatteristiċi bħall-kapaċità installata tal-magna. Fejn jinstabu **devjazzjonijiet** sinifikanti, il-verifikatur għandu jwettaq analiżijiet ulterjuri.

Emenda

1. Il-verifikatur għandu jidentifika r-riskji potenzjali relatati mal-proċess ta' monitoraġġ u rappurtar billi jqabbel l-ammont, it-tip u l-fattur ta' emissjoni rrappurtati tal-enerġija użata abbord minn vapuri mad-data stmata abbażi tad-data ta' traċċar tal-vapuri u karatteristiċi bħall-kapaċità installata tal-magna. Fejn jinstabu **diverġenzi** sinifikanti **li jistgħu jimminaw l-ilħuq tal-miri ta' dan ir-Regolament**, il-verifikatur għandu jwettaq analiżijiet ulterjuri.

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 107

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-verifikaturi għandhom jiġu akkreditati għall-attivitajiet skont il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament minn korp nazzjonali ta' akkreditament skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008.

Emenda

1. Il-verifikaturi għandhom jiġu akkreditati għall-attivitajiet skont il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament minn korp nazzjonali ta' akkreditament skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008. **Il-korp nazzjonali ta' akkreditament għandu regolarment jagħti notifika lill-Kummissjoni dwar il-lista ta' verifikaturi akkreditati, flimkien mal-informazzjoni ta' kun-tatt rilevanti kollha.**

Emenda 108

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. **Il-korpi nazzjonali ta' akkreditament għandhom jiżguraw li l-verifikatur:**

- (a) ikollu l-għarfien dwar it-tbahhir;
- (b) ikun mġammar f'kull ħin b'persunal sinifikanti fil-qasam tekniku u ta' appoġġ, b'mod proporzjonat mal-ammont ta' bastimenti li jivverifika;
- (c) ikun kapaċi, meta u kif ikun meħtieġ, jassenja lil kull post tax-xogħol il-mezzi u l-persunal b'mod proporzjonat mal-kompiti li jridu jitwettqu f'konformità mad-diversi kompiti elenkati fil-Kapitolu V ta' dan ir-Regolament.

Emenda 109

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. **Sabiex jiġu esklużi l-kunflitti ta' interess potenzjali, il-verifikatur ma għandux jiddependi b'mod sostanzjali minn kumpanija waħda għad-dħul tiegħu.**

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 110

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26, sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi metodi u kriterji ulterjuri ta' akkreditament tal-verifikaturi. Il-metodi speċifikati f'dawk l-atti delegati għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji għall-verifika previsti fl-Artikoli 10 u 11 u fuq standards rilevanti aċċettati fil-livell internazzjonali.

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26, sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi metodi u kriterji ulterjuri ta' akkreditament tal-verifikaturi **u regoli oħra sabiex tiżgura l-indipendenza u l-imparzjalità tal-verifikaturi**. Il-metodi speċifikati f'dawk l-atti delegati għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji għall-verifika previsti fl-Artikoli 10 u 11 u fuq standards rilevanti aċċettati fil-livell internazzjonali.

Emenda 111

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-ammont ta' kull tip ta' fjuwil ikkunsmat fl-irmiġġ u fuq il-baħar;

Emenda

(c) l-ammont ta' kull tip ta' fjuwil ikkunsmat fl-irmiġġ u fuq il-baħar, **inkluż l-ammont ta' elettriku meħud fl-irmiġġ għall-finijiet ta' navigazzjoni**;

Emenda 112

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) il-fatturi ta' emissjoni well-to-wake għal kull tip ta' fjuwil ikkunsmat waqt l-irmiġġ u fuq il-baħar, analizzati skont l-emissjonijiet well-to-tank, tank-to-wake u l-emissjonijiet li jaħarbu, fejn jiġu koperti l-gassijiet serra rilevanti kollha;

Emenda

(d) il-fatturi ta' emissjoni well-to-wake għal kull tip ta' fjuwil, **inkluż l-elettriku li jkun ittieded minn provvista tal-enerġija fuq l-art**, ikkunsmat waqt l-irmiġġ u fuq il-baħar, analizzati skont l-emissjonijiet well-to-tank, tank-to-wake u l-emissjonijiet li jaħarbu, fejn jiġu koperti l-gassijiet serra rilevanti kollha;

Emenda 113

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) l-ammont ta' kull tip ta' sors alternattiv tal-enerġija kkunsmat waqt l-irmiġġ u fuq il-baħar.

Emenda

(e) l-ammont ta' kull tip ta' sors alternattiv tal-enerġija kkunsmat waqt l-irmiġġ u fuq il-baħar, **inklużi l-fjuwils, l-elettriku, l-enerġija mir-riħ u l-enerġija mix-xemx**.

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 114

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Jekk l-enerġija addizzjonali meħtieġa minħabba l-klassi ta' silġ tal-vapur għandha tiġi eskluża mill-enerġija użata abbord, il-pjan ta' monitoraġġ għandu jinkludi wkoll:

- (a) il-klassi ta' silġ tal-bastiment;
- (b) id-data u l-ħin waqt tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ;
- (c) l-ammont ta' kull tip ta' fjuwil ikkunsmat waqt tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ;
- (d) l-ammont ta' kull tip ta' sors alternattiv tal-enerġija kkunsmat waqt tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ;
- (e) id-distanza vvjaġġata fit-tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ;
- (f) id-distanza koperta matul il-vjaġġ;
- (g) l-ammont ta' kull tip ta' fjuwil ikkunsmat fuq il-baħar; u
- (h) l-ammont ta' kull tip ta' sors alternattiv tal-enerġija kkunsmat fuq il-baħar.

Emenda 115

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-kumpaniji għandhom jirreġistraw l-informazzjoni u d-data elenkati fil-paragrafu 1 **fuq bażi annwali** b'mod trasparenti li **jippermetti** lill-verifikatur jivverifika l-konformità ma' dan ir-Regolament.

2. Il-kumpaniji għandhom jirreġistraw l-informazzjoni u d-data elenkati fil-paragrafu 1 **fil-ħin u** b'mod trasparenti **u jikkompilawhom fuq bażi annwali b'tali mod li** jippermettu lill-verifikatur jivverifika l-konformità ma' dan ir-Regolament.

Emenda 116

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (ca) **jikkompila dik l-informazzjoni, ipprovduta skont l-Artikolu 14(3), u jibgħatha lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.**

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 117

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda
(d) jikkalkula l-ammont tal-penali msemmija fl-Artikolu 20(1) u (2).	imħassar

Emenda 118

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda
	3a. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-verifikatur, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha tikkalkula l-ammont tal-penali msemmija fl-Artikolu 20(1) u (2) u tinnotifikaha lill-kumpanija.

Emenda 119

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda
	4a. L-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kumpanija tat-tbajhir għandha tkun:
	(a) f'każ ta' kumpanija tat-tbajhir irreġistrata fi Stat Membru, l-Istat Membru li fih tkun irreġistrata l-kumpanija tat-tbajhir;
	(b) f'każ ta' kumpanija tat-tbajhir li ma tkunx irreġistrata fi Stat Membru, l-Istat Membru bl-akbar għadd stmat ta' waqfiet f'port minn vjaġġi mwettqa minn dik il-kumpanija tat-tbajhir fl-aħħar sentejn ta' monitoraġġ u li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni stabbilit fl-Artikolu 2;
	(c) f'każ ta' kumpanija tat-tbajhir li ma tkunx irreġistrata fi Stat Membru u li ma tkun wettqet l-ebda vjaġġ li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni stabbilit fl-Artikolu 2 fis-sentejn ta' monitoraġġ preċedenti, l-awtorità amministrattiva għandha tkun l-Istat Membru minn fejn il-kumpanija tat-tbajhir tkun bdiet l-ewwel vjaġġ tagħha fil-kamp ta' applikazzjoni stabbilit fl-Artikolu 2;

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 120

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa, tiżgura l-funzjonament u taġġorna bażi tad-data elettronika ta' konformità għall-monitoraġġ tal-konformità mal-Artikoli 4 u 5. Il-bażi tad-data ta' konformità għandha tintuża biex jinżamm reġistru tal-bilanċ ta' konformità tal-vapuri u **tal-użu** tal-mekkaniżmi ta' flessibilità stipulati fl-Artikoli 17 u 18. Din għandha tkun aċċessibbli għall-kumpaniji, għall-verifikaturi, għall-awtoritajiet kompetenti u għall-Kummissjoni.

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa, tiżgura l-funzjonament u taġġorna bażi tad-data elettronika ta' konformità **integrata mas-sistema THETIS-MRV stabbilita skont ir-Regolament (UE) 2015/757** għall-monitoraġġ tal-konformità mal-Artikoli 4 u 5. Il-bażi tad-data ta' konformità għandha tintuża biex jinżamm reġistru tal-bilanċ ta' konformità tal-vapuri, **l-użu tal-eżenzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3 u l-użu tal-mekkaniżmi ta' flessibilità stipulati fl-Artikoli 17 u 18 kif ukoll il-penali mġarrba skont l-Artikolu 20.** Din għandha tkun aċċessibbli għall-kumpaniji, għall-verifikaturi, għall-awtoritajiet kompetenti u għall-Kummissjoni.

Emenda 121

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

1a. Il-kumpaniji għandhom jitħallew jibbankjaw is-surplus ta' konformità mill-vapuri li ma jkunux soġġetti għal dan ir-Regolament u li jaħdmu għalkollox bl-enerġija rinnovabbli bħal dik solari jew mir-riħ dment li dawn il-vapuri ma jintużawx għal skopijiet ta' divertiment biss.

Emenda

1a. Il-kumpaniji għandhom jitħallew jibbankjaw is-surplus ta' konformità mill-vapuri li ma jkunux soġġetti għal dan ir-Regolament u li jaħdmu għalkollox bl-enerġija rinnovabbli bħal dik solari jew mir-riħ dment li dawn il-vapuri ma jintużawx għal skopijiet ta' divertiment biss.

Emenda 122

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Sat-30 ta' April ta' kull sena, il-kumpanija għandha tirreġistra fil-bażi tad-data ta' konformità, għal kull vapur tagħha, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 15(2), kif aċċertata mill-verifikatur, flimkien ma' informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tal-vapur, tal-kumpanija, kif ukoll l-identità tal-verifikatur li jkun wettaq il-valutazzjoni.

Emenda

3. Sat-30 ta' April ta' kull sena, il-kumpanija għandha tirreġistra fil-bażi tad-data ta' konformità, għal kull vapur tagħha, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 15(2), kif aċċertata u **kkalkulata** mill-verifikatur, **l-użu tal-mekkaniżmi ta' flessibilità stabbiliti fl-Artikoli 17 u 18, l-eċċezzjonijiet annwali applikati fl-Artikolu 5(3), jekk ikun hemm**, flimkien ma' informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tal-vapur, tal-kumpanija, kif ukoll l-identità tal-verifikatur li jkun wettaq il-valutazzjoni.

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 123

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fejn il-vapur ikollu **surplus ta' konformità** għall-perjodu ta' rappurtar, il-kumpanija tista' tibbankjah għall-bilanċ ta' konformità tal-istess vapur għall-perjodu ta' rappurtar sussegwenti. Il-kumpanija għandha tirreġistra l-ibbankjar tas-surplus ta' konformità għall-perjodu ta' rappurtar sussegwenti fil-bażi tad-data ta' konformità, soġġett għall-approvazzjoni mill-verifikatur tagħha. Il-kumpanija ma tistax tibqa' tibbankja s-surplus ta' konformità ladarba jkun inħareġ iċ-ċertifikat tal-konformità FuelEU.

Emenda

1. **Abbażi tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 15(2)**, fejn il-vapur ikollu, għall-perjodu ta' rappurtar, **surplus ta' konformità fuq l-intensità tal-gassijiet serra jew fuq il-kwota ta' RFNBO tiegħu kif imsemmi fl-Artikoli 4(2) u 4a(3) rispettivament**, il-kumpanija tista' tibbankjah għall-bilanċ ta' konformità tal-istess vapur għall-perjodu ta' rappurtar sussegwenti. Il-kumpanija għandha tirreġistra l-ibbankjar tas-surplus ta' konformità għall-perjodu ta' rappurtar sussegwenti fil-bażi tad-data ta' konformità, soġġett għall-approvazzjoni mill-verifikatur tagħha. Il-kumpanija ma tistax tibqa' tibbankja s-surplus ta' konformità ladarba jkun inħareġ iċ-ċertifikat tal-konformità FuelEU. **Is-surplus ta' konformità li ma jintużax għall-perjodu ta' rappurtar sussegwenti għandu jkollu validità ta' tliet snin.**

Emenda 124

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-bilanċi tal-konformità ta' żewġ vapuri jew aktar, li jiġu vverifikati mill-istess verifikatur, jistgħu jinġabru flimkien għall-finijiet tal-issodisfar tar-rekwiżiti tal-Artikolu 4. Il-bilanċ tal-konformità ta' vapur ma jistax jiġi inkluż f'aktar minn akkomunament wieħed fl-istess perjodu ta' rappurtar.

Emenda

1. Il-bilanċi tal-konformità **għall-intensità tal-gassijiet serra jew il-kwota ta' RFNBO kif imsemmi fl-Artikoli 4(2) u 4a(3) rispettivament**, ta' żewġ vapuri jew aktar, li jiġu vverifikati mill-istess verifikatur, jistgħu jinġabru flimkien għall-finijiet tal-issodisfar tar-rekwiżiti tal-Artikolu 4 **u 4a**. Il-bilanċ tal-konformità ta' vapur ma jistax jiġi inkluż f'aktar minn akkomunament wieħed fl-istess perjodu ta' rappurtar.

Emenda 125

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fejn fl-1 ta' Mejju tas-sena ta' wara l-perjodu ta' rappurtar il-vapur ikollu defiċit ta' konformità, il-kumpanija għandha tħallas penali. **Il-verifikatur għandu jikkalkula** l-ammont tal-penali abbażi **tal-formula speċifikata** fl-Anness V.

Emenda

1. Fejn fl-1 ta' Mejju tas-sena ta' wara l-perjodu ta' rappurtar il-vapur ikollu defiċit ta' konformità, il-kumpanija għandha tħallas penali. **L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-verifikatur, għandha tikkalkula** l-ammont tal-penali abbażi **tal-formuli speċifikati** fl-Anness V, **għal-limiti tal-intensità tal-gassijiet serra u, fejn applikabbli, għall-kwota tal-RFNBO, kif imsemmi fl-Artikoli 4(2) u 4a(3) rispettivament.**

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 126

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-kumpanija għandha tħallas penali għal kull waqfa mhux konformi f'port. **Il-verifikatur għandu jikkalkula** l-ammont tal-penali billi jimmultiplika l-ammont ta' EUR 250 bil-megawatts ta' enerġija installata abbord u bl-għadd ta' sigħat kompluti ta' rmiġġ.

Emenda

2. Il-kumpanija għandha tħallas penali għal kull waqfa mhux konformi f'port. **L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha, abbażi tal-informazzjoni fornuta mill-verifikatur, tikkalkula** l-ammont tal-penali billi timmultiplika l-ammont ta' EUR 250 **fi prezzijiet tal-2022** bil-megawatts ta' enerġija installata abbord u bl-għadd ta' sigħat kompluti ta' rmiġġ. **Għall-finijiet ta' dan il-kalkolu, l-ammont ta' ħin meħtieġ għall-konnessjoni mal-OPS għandu jitqies ta' sagħtejn, u dak l-ammont ta' ħin għandu jitnaqqas awtomatikament mill-kalkolu tal-għadd ta' sigħat sħaħ imqattgħin fl-irmiġġ biex jitqies il-ħin meħtieġ għall-konnessjoni mal-OPS.**

Emenda 127

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. **L-Istat amministrattiv fir-rigward ta' kumpanija għandu jiżgura li, għal kwalunkwe wieħed mill-vapuri li jkollu defiċits ta' konformità fl-1 ta' Ġunju tas-sena ta' rappurtar, eventwalment wara validazzjoni mill-awtorità kompetenti tagħhom, il-kumpanija għandha tħallas sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' rappurtar ammont ekwivalenti għall-penali li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-formuli speċifikati fl-Anness V Parti B.**

Emenda 128

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3b. **Meta l-kumpanija tat-tbaħħir tikkonkludi kuntratt ma' operatur kummerċjali u tispeċifika li dan l-operatur ikun responsabbli mix-xiri tal-fjuwil u t-tħaddim tal-vapur, il-kumpanija tat-tbaħħir u dak l-operatur kummerċjali għandhom, permezz ta' arranġament kuntrattwali, jiddeterminaw li dan tal-aħħar għandu jinżamm responsabbli mill-ħlas tal-ispejjeż iġġenerati mill-penali msemmija f'dan l-Artikolu. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, li tkun responsabbli għall-operat tal-vapur għandha tfisser id-determinazzjoni tal-merkanzija li tinġarr, l-itinerarju, ir-rotta u/jew il-veloċità tal-vapur.**

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 129

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3c. Fejn il-kumpanija jew l-operatur kummerċjali jikkonkludi kuntratt ma' fornitur tal-fjuwil, li jagħmel lil dan tal-aħħar responsabbli mill-forniment ta' fjuwils speċifiċi, dak il-kuntratt għandu jinkludi dispożizzjonijiet li jistabbilixxu r-responsabbiltà tal-fornitur tal-fjuwil li jikkumpensa lill-kumpanija jew lill-operatur kummerċjali għall-ħlas tal-penali imsemmija f'dan l-Artikolu, jekk il-fjuwils ma jkunux ġew ikkonsenjati skont it-termini miftiehma. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-fjuwils fornuti skont il-kuntratti msemmija jridu jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9 (1)(b).

Emenda 130

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 biex temenda l-Anness V biex tadatta l-formula msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u biex temenda l-ammont tal-penali fissa stabbilita fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, **filwaqt li jitqiesu** l-iżviluppi fil-kost tal-enerġija.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 biex temenda l-Anness V biex tadatta l-formula msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u biex temenda l-ammont tal-penali fissa stabbilita fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, **hekk kif** l-iżviluppi fil-kost tal-enerġija **jimminaw l-effett dissważiv tal-penali eżistenti. Fir-rigward tal-formula msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-penali li tirriżulta trid tkun akbar mill-ammont u l-prezz tal-fjuwil rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li l-vapuri kienu jużaw kieku ssodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.**

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 131**Proposta għal regolament****Artikolu 21 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-penali msemmija fl-Artikolu 20(1) u 20(2) għandhom jiġu allokati biex jappoġġaw proġetti komuni mmirati lejn l-użu rapidu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-settur marittimu. Il-proġetti ffinanzjati mill-fondi miġbura mill-penali għandhom jstimulaw il-produzzjoni ta' kwantitajiet akbar ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għas-settur marittimu, jiffaċilitaw il-kostruzzjoni ta' faċilitajiet ta' bunkering jew ta' portijiet ta' konnessjoni elettrika xierqa fil-portijiet, u jappoġġaw l-iżvilupp, l-ittestjar u l-użu tal-aktar teknoloġiji innovattivi Ewropej fil-flotta biex jinkiseb tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet.

Emenda

1. Il-penali msemmija fl-Artikolu 20(1) u 20(2) għandhom jiġu allokati biex jappoġġaw proġetti komuni mmirati lejn l-użu rapidu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-settur marittimu. Il-proġetti ffinanzjati mill-fondi miġbura mill-penali għandhom jstimulaw il-produzzjoni ta' kwantitajiet akbar ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għas-settur marittimu, jiffaċilitaw il-kostruzzjoni ta' faċilitajiet ta' bunkering jew ta' portijiet ta' konnessjoni elettrika xierqa fil-portijiet, **jew jadattaw is-sovrastuttura, jekk ikun meħtieġ**, u jappoġġaw l-iżvilupp, l-ittestjar u l-użu tal-aktar teknoloġiji innovattivi Ewropej fil-flotta biex jinkiseb tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet.

Emenda 132**Proposta għal regolament****Artikolu 21 – paragrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni*

2. Id-dħul iġġenerat mill-penali msemmija fil-paragrafu 1 għandu jiġi allokati lill-Fond **għall-Innovazzjoni** msemmi fl-Artikolu **10a(8)** tad-Direttiva 2003/87/KE. Dan id-dħul għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju, u għandu jiġi implimentat f'konformità mar-regoli applikabbli għall-Fond **għall-Innovazzjoni**.

Emenda

2. Id-dħul iġġenerat mill-penali msemmija fil-paragrafu 1 għandu jiġi allokati lill-Fond **għall-Oċeani** msemmi fl-Artikolu **3ġab** tad-Direttiva 2003/87/KE. **Dak id-dħul għandu jkun allokati għas-settur marittimu u jikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni tiegħu**. Dan id-dħul għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju, u għandu jiġi implimentat f'konformità mar-regoli applikabbli għall-Fond **għall-Oċeani**.

Emenda 133**Proposta għal regolament****Artikolu 24 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-kumpaniji għandhom ikunu intitolati japplikaw għal rieżami tal-kalkoli u l-miżuri indirizzati lilhom mill-verifikatur skont dan ir-Regolament, inkluż ir-rifjut li jinħareġ ċertifikat tal-konformità FuelEU skont l-Artikolu 19(1).

Emenda

1. Il-kumpaniji għandhom ikunu intitolati japplikaw għal rieżami tal-kalkoli u l-miżuri indirizzati lilhom **mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jew** mill-verifikatur skont dan ir-Regolament, inkluż ir-rifjut li jinħareġ ċertifikat tal-konformità FuelEU skont l-Artikolu 19(1).

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 134**Proposta għal regolament****Artikolu 26 – paragrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni*

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli **4(6)**, 5(4), 9(3), 13(3), 20(4), u 21(3) għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Emenda

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli **4(4)**, **4a(6)**, 5(4), 9(3), **9a(3)**, 13(3), 20(4), u 21(3) għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Emenda 135**Proposta għal regolament****Artikolu 26 – paragrafu 3***Test propost mill-Kummissjoni*

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli **4(7)**, 5(4), 9(3), 13(3), 20(4) u 21(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Emenda

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli **4(4)**, **4a(6)**, 5(4), 9(3), **9a(3)**, 13(3), 20(4) u 21(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Emenda 136**Proposta għal regolament****Artikolu 26 – paragrafu 6***Test propost mill-Kummissjoni*

6. L-att delegat adottat skont l-Artikoli **4(7)**, 5(4), 9(3), 13(3), 20(4), u 21(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda

6. L-att delegat adottat skont l-Artikoli **4(4)**, **4a(6)**, 5(4), 9(3), **9a(3)**, 13(3), 20(4), u 21(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 137

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu - 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1. *Sal-1 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni għandha toħroġ rapport dwar l-impatt soċjali ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jinkludi projezzjoni tal-impatt ta' dan ir-Regolament fuq il-ħtiġijiet tax-xogħol u t-taħriġ sal-2030 u sal-2050.*

Emenda 138

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, **sal-1 ta' Jannar 2030**, ir-riżultati ta' evalwazzjoni dwar il-funzjonament ta' dan ir-Regolament u l-evoluzzjoni tat-teknoloġiji u tas-suq għall-fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu u l-impatt tagħha fuq is-settur marittimu fl-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tqis l-emendi possibbli:

1. **Sal-1 ta' Jannar 2027, u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem**, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ir-riżultati ta' evalwazzjoni dwar il-funzjonament ta' dan ir-Regolament u l-evoluzzjoni tat-teknoloġiji u tas-suq għall-fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu u l-impatt tagħha fuq is-settur marittimu fl-Unjoni. **Dak ir-rapport għandu jagħti attenzjoni partikolari lill-kontribut ta' dan ir-Regolament biex jintlaħqu l-miri klimatiċi ġenerali u speċifiċi għas-settur tal-Unjoni, kif definiti fl-ambitu tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima, u l-miri tal-Unjoni dwar l-Enerġija Rinnovabbli u l-Efficijenza Enerġetika.** Ir-rapport għandu jevalwa wkoll l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq il-funzjonament tas-suq uniku, il-kompetittività tas-settur marittimu, in-nollijiet tat-trasport tal-merkanzija u l-kobor tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u tan-negozji. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni għandha tevalwa wkoll l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra fis-settur tat-trasport kif ukoll fuq l-iżvilupp tal-flussi kummerċjali globali u reġjonali. Il-Kummissjoni għandha tqis l-emendi possibbli:

Emenda 139

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) għall-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'termini ta':

- **tnaqqis tal-limitu tat-tunnellaġġ gross imsemmi fl-Artikolu 2(1) għal 400 GT;**
- **tkabbir tas-sehem tal-enerġija użata mill-vapuri fi vjaġġ lejn u minn pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2 (c);**

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 140

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ab) *il-valuri prestabbiliti pprovduti fl-Anness II, abbażi tal-aktar għarfien u evidenza xjentifiċi preċiżi disponibbli;*

Emenda 141

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt ac (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ac) *il-lista ta' sustanzi li jniġġsu koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-possibbiltà li jiġu inklużi l-emissjonijiet ta' karbonju iswed;*

Emenda 142

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) *għat-tipi* ta' vapur li għalihom japplika l-Artikolu 5(1);

(b) *estensjoni tat-tipi* ta' vapur li għalihom japplika l-Artikolu 5(1);

Emenda 143

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) *il-metodoloġija speċifikata fl-Anness I.*

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 144

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Biex jiġi żgurat approċċ teknoloġikament newtrali u bbażat fuq l-oġġettivi, dan ir-Regolament għandu jiġi rieżaminat u, meta jkun meħtieġ, jiġi emendat, hekk kif teknoloġiji ġodda għat-tnaqqis tal-gassijiet serra bħall-qbid tal-karbonju abbord, fjuwils ġodda rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u metodi ġodda ta' propulsjoni, bħall-propulsjoni assistita mir-riħ, isiru teknikament u ekonomikament maturi. Il-Kummissjoni għandha tevalwa kontinwament il-maturità ta' teknoloġiji differenti għat-tnaqqis tal-gassijiet serra u tippreżenta l-ewwel rieżami f'dan ir-rigward lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-1 ta' Jannar 2027.

Emenda 145

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja kontinwament il-kwantità ta' fjuwils alternattivi disponibbli għall-kumpaniji tat-tbajhir fl-Unjoni u tirrapporta l-konklużjonijiet tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, sal-1 ta' Jannar 2027, u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem sal-2050. Jekk il-provvista ta' dawk il-fjuwils tonqos milli tissodisfa d-domanda tal-kumpaniji tat-tbajhir biex jitwettqu l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tipproponi miżuri biex tiżgura li l-fornituri tal-fjuwil marittimu fl-Unjoni jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-kumpaniji tat-tbajhir li jidħlu fil-portijiet tal-Unjoni volumi adegwati ta' fjuwils alternattivi.

Emenda 146

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1c. Il-Kummissjoni għandha tipproponi emendi għal dan ir-Regolament f'każ li l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali tadotta limiti globali tal-intensità tal-gassijiet serra fuq livell ekwivalenti għal dan ir-Regolament, bil-għan li jiġi żgurat allinjament sħiħ mal-ftehim internazzjonali.

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 147**Proposta għal regolament****Artikolu 28 – paragrafu 1d (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1d. Sal-1 ta' Jannar 2027, u kull ħames sena minn hemm 'il quddiem sal-2050, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ir-riżultati ta' evalwazzjoni komprensiva tal-impatt makroekonomiku aggregat tal-pakkett "Fit for 55"^(1a). Dak ir-rapport għandu jagħti attenzjoni partikolari lill-effetti fuq il-kompetittività tal-Unjoni, il-ħolqien tal-impjiegi, in-nollijiet tat-trasport tal-merkanzija, il-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi u l-kobor tar-ri-lokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.

(^{1a}) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (COM(2021)0550), 14 ta' Lulju 2021.

Emenda 148**Proposta għal regolament****Artikolu 28 – paragrafu 1e (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1e. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-possibbiltà ta' emendi għal dan ir-Regolament fl-interess tas-simplifikazzjoni regolatorja. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jadattaw kontinwament għall-proċeduri amministrattivi tal-aħjar prattika u jieħdu l-miżuri kollha biex jissimplifikaw l-infurzar ta' dan ir-Regolament, b'tali mod li l-piż amministrattiv fuq is-sidien tal-vapuri, l-operaturi, il-portijiet u l-verifikaturi jinżamm baxx kemm jista' jkun.

Emenda 149**Proposta għal regolament****Artikolu 28a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 28a**Tnaqqis regolatorju kompensatorju**

Bi qbil mal-komunikazzjoni tagħha dwar il-prinċipju ta' "One In, One Out", sal-1 ta' Jannar 2024 il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposti li jikkompensaw għall-piż regolatorju introdott b'dan ir-Regolament billi jiġu emendati jew revokati dispożizzjonijiet f'atti leġislattivi oħra tal-Unjoni li jiġġeneraw piżijiet regolatorji fis-settur marittimu.

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 150

Proposta għal regolament

Anness I – ekwazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni

Indiċi tal-intensità tal-gassijiet serra	WtT	TtW
GHG intensity index $\left[\frac{gCO_{2eq}}{MJ}\right] =$	$\frac{\sum_i^{n fuel} M_{ij} \times CO_{2eq, TtW, i} \times LCV_i + \sum_k^c E_k \times CO_{2eq, electricity, k}}{\sum_i^{n fuel} M_i \times LCV_i + \sum_k^c E_k}$	$+ \frac{\sum_i^{n fuel} \sum_i^{n engine} M_{ij} \times \left(\left(1 - \frac{1}{100} C_{engine slip, j}\right) \times (CO_{2eq, TtW, i}) + \left(\frac{1}{100} C_{engine slip, j} \times CO_{2eq, TtW, slip, j}\right) \right)}{\sum_i^{n fuel} M_i \times LCV_i + \sum_k^c E_k}$

Emenda

Indiċi tal-intensità tal-gassijiet serra	WtT	TtW
GHG intensity index $\left[\frac{gCO_{2eq}}{MJ}\right] =$	$\frac{\sum_i^{n fuel} M_{ij} \times CO_{2eq, TtW, i} \times LCV_i + \sum_k^c E_k \times CO_{2eq, electricity, k}}{\sum_i^{n fuel} M_i \times LCV_i [MULT_i] + \sum_k^c E_k}$	$+ \frac{\sum_i^{n fuel} \sum_i^{n engine} M_{ij} \times \left(\left(1 - \frac{1}{100} C_{engine slip, j}\right) \times (CO_{2eq, TtW, i}) + \left(\frac{1}{100} C_{engine slip, j} \times CO_{2eq, TtW, slip, j}\right) \right)}{\sum_i^{n fuel} M_i \times LCV_i [MULT_i] + \sum_k^c E_k}$

Emenda 151

Proposta għal regolament

Anness I – tabella 1 – ringiela 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

n fuel	Numru ta' fjuwils ikkonsenjati lill-vapur fil-perjodu ta' referenza
---------------	----------------------------------------------------------------------------

Emenda 152

Proposta għal regolament

Anness I – tabella 1 – ringiela 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

MULT_i	Multiplikatur applikat għall-fjuwil RFNBO
-------------------------	--------------------------------------------------

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 153

Proposta għal regolament

Anness I – tabella 1 – ringiela 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Mi, j A	<p>Massa aġġustata tal-fjuwil i speċifiku ossidizzat fil-konsumatur j [gFuel] minħabba tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ f'każ ta' vapur fi klassi ta' silġ IC, IB, IA jew IA Super jew fi klassi ta' silġ ekwivalenti ^(1a) u minħabba l-karatteristiċi tekniċi ta' vapur fi klassi ta' silġ IA jew IA Super jew fi klassi ta' silġ ekwivalenti. Meta jkun xieraq, fl-Ekwazzjoni (1) tintuża l-massa Mi, j A aġġustata minflok il-massa Mi, j.</p> <p>^(1a) Għal aktar informazzjoni dwar il-korrispondenza bejn il-klassijiet tas-silġ, ara r-Rakkomandazzjoni 25/7 tal-HELCOM fuq http://www.helcom.fi.</p>
---------	------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

Emenda 154

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Fil-każ tal-fjuwils fossili, għandhom jintużaw il-valuri prestabbiliti fl-Anness II.

Emenda

Fil-każ tal-fjuwils fossili, għandhom jintużaw il-valuri prestabbiliti fl-Anness II **sakemm ma jkunux jistgħu jiġu pprovduti valuri reali permezz ta' ċertifikazzjoni jew kejl dirett tal-emissjonijiet.**

Emenda 155

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Għall-finijiet ta' dan ir-regolament it-terminu $\Sigma Ek \times CO_{2eq}^{electricity}$ fin-numeratur tal-Ekwazzjoni (1) għandu jiġi ssettjat għal zero.

Emenda

Għall-finijiet ta' dan ir-regolament it-terminu $\Sigma Ek \times CO_{2eq}^{electricity}$ fin-numeratur tal-Ekwazzjoni (1) għandu jiġi ssettjat għal zero.

It-terminu MULT fid-denominatur tal-Ekwazzjoni (1) għandu jiġi ssettjat għall-valur tal-multiplikatur tal-RFNBO kif imsemmi fl-Artikolu 4a(2), bi qbil mal-Artikolu 9(1b). Għall-fjuwils l-oħrajn kollha, il-multiplikatur għandu jkun ekwivalenti għal wieħed.

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 156

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Il-massa tal-fjuwil [M_i] għandha tiġi ddeterminata bl-użu tal-ammont irrappurtat skont il-qafas tar-rapportar tar-Regolament (UE) 2015/757 għall-vjaġġi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament abbażi tal-metodoloġija ta' monitoraġġ magħżula mill-kumpanija.

Emenda

Il-massa [M_i] tal-fjuwil għandha tiġi ddeterminata bl-użu tal-ammont irrappurtat skont il-qafas tar-rapportar tar-Regolament (UE) 2015/757 għall-vjaġġi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament abbażi tal-metodoloġija ta' monitoraġġ magħżula mill-kumpanija. **Il-massa aġġustata tal-fjuwil [M_{iA}] tista' tintuża minflok il-massa tal-fjuwil [M_i] għal vapur li jkollu l-klassi tas-silġ IC, IB, IA jew IA Super jew klassi ta' silġ ekwivalenti. Il-massa aġġustata [M_{iA}] hija definita fl-Anness Va.**

Emenda 157

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 12

Test propost mill-Kummissjoni

F'konformità mal-pjan ta' konformità msemmi fl-Artikolu 6 u wara l-valutazzjoni mill-verifikatur, jistgħu jintużaw metodi oħra, bħall-kejl dirett ta' CO_{2eq}, **l-ittestjar fil-laboratorju**, jekk dan itejjeb l-akkuratezza ġenerali tal-kalkolu.

Emenda

F'konformità mal-pjan ta' konformità msemmi fl-Artikolu 6 u wara l-valutazzjoni mill-verifikatur, jistgħu jintużaw metodi oħra, bħall-kejl dirett ta' CO_{2eq}, jekk dan itejjeb l-akkuratezza ġenerali tal-kalkolu.

Emenda 158

Proposta għal regolament

Anness I – tabella

Test propost mill-Kummissjoni

Klassi tal-Fjuwil	WtT	TtW
Fossili	Il-valuri prestabbiliti għandhom jintużaw kif previst fit-Tabella 1 ta' dan ir-Regolament.	Il-fatturi tal-karbonju tas-CO ₂ tar-Regolament MRV għandhom jintużaw għal fjuwils li għalihom jiġi pprovdut tali fattur Għall-fatturi tal-emissjonijiet l-oħra kollha, jistgħu jintużaw il-valuri prestabbiliti kif previst fit-Tabella 1 ta' dan ir-Regolament, alternattivament Il-valuri ċertifikati permezz tal-ittestjar fil-laboratorju jew kejl tal-emissjonijiet diretti

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Klassi tal-Fjuwil	WtT	TtW
Fjuwils Rinnovabbli Sostenibbli (Bijolikwidi, Bijogassijiet, e-Fjuwils)	Il-valuri tas-CO _{2eq} kif ipprovduti fl-RED II (mingħajr kombustjoni) jistgħu jintużaw għall-fjuwils kollha li l-mogħdijiet tagħhom huma inklużi fl-RED II, alternattivament Tista' tintuża l-iskema ta' ċertifikazzjoni approvata tal-RED II.	Il-fatturi tal-emissjonijiet l-oħra kollha, jistgħu jintużaw il-valuri prestabbiliti kif ipprovdut fit-Tabella 1 ta' dan ir-Regolament, alternattivament Il-valuri ċertifikati permezz tal-ittestjar fil-laboratorju jew kejl tal-emissjonijiet diretti.
Oħrajn (inkluż l-elettriku)	Il-valuri tas-CO _{2eq} kif ipprovduti fl-RED II (mingħajr kombustjoni) jistgħu jintużaw għall-fjuwils kollha li l-mogħdijiet tagħhom huma inklużi fl-RED II, alternattivament Tista' tintuża l-iskema ta' ċertifikazzjoni approvata tal-RED II.	Il-fatturi tal-emissjonijiet l-oħra kollha, jistgħu jintużaw il-valuri prestabbiliti kif ipprovdut fit-Tabella 1 ta' dan ir-Regolament, alternattivament Il-valuri ċertifikati permezz tal-ittestjar fil-laboratorju jew kejl tal-emissjonijiet diretti.

Emenda

Klassi tal-Fjuwil	WtT	TtW
Fossili	Il-valuri prestabbiliti għandhom jintużaw kif previst fit-Tabella 1 ta' dan ir-Regolament sakemm ma jkunux jistgħu jiġu pprovduti l-valuri reali permezz ta' ċertifikazzjoni jew kejl dirett tal-emissjonijiet	Il-fatturi tal-karbonju tas-CO ₂ tar-Regolament MRV għandhom jintużaw għal fjuwils li għalihom jiġi pprovdut tali fattur Għall-fatturi tal-emissjonijiet l-oħra kollha, jistgħu jintużaw il-valuri prestabbiliti kif previst fit-Tabella 1 ta' dan ir-Regolament, alternattivament Il-valuri ċertifikati permezz ta' kejl tal-emissjonijiet diretti
Fjuwils Rinnovabbli Sostenibbli (Bijolikwidi, Bijogassijiet, e-Fjuwils)	Il-valuri tas-CO _{2eq} kif ipprovduti fl-RED II (mingħajr kombustjoni) jistgħu jintużaw għall-fjuwils kollha li l-mogħdijiet tagħhom huma inklużi fl-RED II, alternattivament Tista' tintuża l-iskema ta' ċertifikazzjoni approvata tal-RED II jew l-alternattiva ta' kejl tal-emissjonijiet diretti.	Il-fatturi tal-emissjonijiet l-oħra kollha, jistgħu jintużaw il-valuri prestabbiliti kif ipprovdut fit-Tabella 1 ta' dan ir-Regolament, alternattivament Il-valuri ċertifikati permezz ta' kejl tal-emissjonijiet diretti.

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Klassi tal-Fjuwil	WtT	TtW
Oħrajn (inkluż l-elettriku)	<p>Il-valuri tas-CO_{2eq} kif ipprovduti fl-RED II (mingħajr kombustjoni) jistgħu jintużaw għall-fjuwils kollha li l-mogħdijiet tagħhom huma inklużi fl-RED II, alternattivament</p> <p>Tista' tintuża l-iskema ta' ċertifikazzjoni approvata tal-RED II jew l-alternattiva ta' kejl tal-emissjonijiet diretti.</p>	<p>Il-fatturi tal-emissjonijiet l-oħra kollha, jistgħu jintużaw il-valuri prestabbiliti kif ipprovdut fit-Tabella 1 ta' dan ir-Regolament, alternattivament</p> <p>Il-valuri ċċertifikati permezz ta' kejl tal-emissjonijiet diretti.</p>

Emenda 159

Proposta għal regolament

Anness II – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-fatturi tal-emissjonijiet tal-bijofjuwils, bijogass, il-fjuwils rinnovabbli ta' natura mhux bijoloġika u l-fjuwils tal-karbonju riċiklat għandhom jiġu ddeterminati skont il-metodoloġiji stabbiliti fl-Anness 5 parti C tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

Emenda

Il-fatturi tal-emissjonijiet tal-bijofjuwils, bijogass, il-fjuwils rinnovabbli ta' natura mhux bijoloġika u l-fjuwils tal-karbonju riċiklat għandhom jiġu ddeterminati skont il-metodoloġiji stabbiliti fl-Anness 5 parti C tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

Alternattivament, il-fatturi ta' emissjoni għal kull tip ta' fjuwils jistgħu jiġu ddeterminati abbażi ta' valuri reali ċċertifikati jew valuri stabbiliti bil-kejl dirett tal-emissjonijiet.

Emenda 160

Proposta għal regolament

Anness II – tabella

Test propost mill-Kummissjoni

Bijo-LNG Prodotti / skart / Taħlita ta' għalf ewlenin	0,05	Ref. għad-Direttiva (UE) 2018/2001	LNG Otto (żewġ tipi ta' fjuwils b'veloċità medja)	2,755 MEPC245 (66), Ir-Regolament (UE) 2015/757	0,00005	0,00018	3,1
			LNG Otto (żewġ tipi ta' fjuwils b'veloċità baxxa)				1,7
			LNG Diesel (żewġ tipi ta' fjuwils)				0,2
			LBSI				Mhux applikabbli

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda

Bijo-LNG Prodotti / skart / Tah- lita ta' għalf ewlenin	0,05	Ref. għad-Diret- tiva (UE) 2018/2001	LNG Otto (żewġ tipi ta' fjuwils b'veloċità medja)	2,755 MEPC245 (66), Ir-Regolament (UE) 2015/757	0	0,00011	3,1
			LNG Otto (żewġ tipi ta' fjuwils b'veloċità baxxa)				1,7
			LNG Diesel (żewġ tipi ta' fjuwils)				0,2
			LBSI				Mhux appli- kabbli

Emenda 161

Proposta għal regolament

Anness II – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kolonna 4 fiha l-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_{2eq} f[CO_{2eq}/MJ]. Għall-fjuwils fossili għandhom jintużaw **biss** il-valuri prestabbiliti fit-tabella. Għall-fjuwils l-oħra kollha, (minbarra fejn jiġi espressament indikat), il-valuri għandhom jiġu kkalkulati billi tintuża l-metodoloġija jew il-valuri prestabbiliti skont id-Direttiva (UE) 2018/2001 imnaqqsqa mill-emissjonijiet tal-kombustjoni filwaqt li titqies l-ossidazzjoni sħiħa tal-fjuwil⁽³³⁾.

⁽³³⁾ Qed issir referenza għad-Direttiva (UE) 2018/2001, l-Anness V. C.1.(a) għat-terminu e_u "emissjonijiet mill-fjuwil użat"

Emenda

Il-Kolonna 4 fiha l-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_{2eq} f[CO_{2eq}/MJ]. Għall-fjuwils fossili għandhom jintużaw il-valuri prestabbiliti fit-tabella **sakemm ma jkunux jistgħu jiġu pprovduti l-valuri reali permezz ta' ċertifikazzjoni jew kejl dirett tal-emissjonijiet**. Għall-fjuwils l-oħra kollha, (minbarra fejn jiġi espressament indikat), il-valuri għandhom jiġu kkalkulati billi tintuża l-metodoloġija jew il-valuri prestabbiliti skont id-Direttiva (UE) 2018/2001 imnaqqsqa mill-emissjonijiet tal-kombustjoni filwaqt li titqies l-ossidazzjoni sħiħa tal-fjuwil⁽³³⁾.

⁽³³⁾ Qed issir referenza għad-Direttiva (UE) 2018/2001, l-Anness V. C.1.(a) għat-terminu e_u "emissjonijiet mill-fjuwil użat"

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Emenda 162**Proposta għal regolament****Anness III – tabella 1 – ringiela 4a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Kwalunkwe sors ta' enerġija b'emissjonijiet żero ieħor

Kwalunkwe teknoloġija li tikseb tnaqqis ta' emissjonijiet ekwivalenti jew aktar sinifikanti minn dak li kieku jinkiseb permezz ta' provvista tal-enerġija fuq l-art.

Emenda 163**Proposta għal regolament****Anness V**

Test propost mill-Kummissjoni

ANNEX V

FORMULI GĦALL-KALKOLU TAL-BILANĊ TAL-KONFORMITÀ U TAL-PENALI stabbiliti fl-Artikolu 20(1)

Formula għall-kalkolu tal-bilanċ tal-konformità tal-vapur

Għal-finijiet tal-kalkolu tal-bilanċ tal-konformità ta' bastiment, għandha tapplika l-formula li ġejja:

Bilanċ tal-konformità $[gCO_{2eq}/MJ]$ =	$(GHGIE_{target} - GHGIE_{actual}) \times \left[\sum_i^n fuel M_i \times LCV_i + \sum_i^l E_i \right]$
------------------------------------------	---------------------------------------------------------------------------------------------------------

Fejn:

 gCO_{2eq} Grammi ta' ekwivalent ta' CO₂ $GHGIE_{target}$

Limitu tal-intensità tal-gassijiet serra użati abbord vapur skont l-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament

 $GHGIE_{actual}$

Medja annwali tal-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord vapur ikkalkulata għall-perjodu ta' rapportar rilevanti

Formula għall-kalkolu tal-penali stabbiliti fl-Artikolu 20(1)

L-ammont tal-penali stabbiliti fl-Artikolu 20(1) għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

Penali =

 $(\text{Bilanċ tal-konformità} / GHGIE_{actual}) \times \text{fattur tal-konverżjoni minn MJ għal tunnelli ta' VLSFO (41,0 MJ / kg) x EUR 2 400}$

Emenda

ANNEX V

FORMULI GĦALL-KALKOLU TAL-BILANĊ TAL-KONFORMITÀ U TAL-PENALI TA' RIMEDJU stabbiliti fl-Artikolu 20(1)

A. Formula għall-kalkolu tal-bilanċ tal-konformità tal-vapur

a) **Bilanċ ta' konformità fir-rigward tal-intensità tal-gassijiet serra tal-vapur, skont l-Artikolu 4.2**

Għall-finijiet tal-kalkolu tal-bilanċ tal-konformità ta' bastiment, għandha tapplika l-formula li ġejja:

Bilanċ tal-konformità $[gCO_{2eq}/M]$ =	$(GHGIE_{target} - GHGIE_{actual}) \times \left[\sum_i^{n_{fuel}} M_i \times LCV_i + \sum_i^1 E_i \right]$
-----------------------------------------	-------------------------------------------------------------------------------------------------------------

Fejn:

gCO_{2eq}	Grammi ta' ekwivalent ta' CO ₂
$GHGIE_{target}$	Limitu tal-intensità tal-gassijiet serra użati abbord vapur skont l-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament
$GHGIE_{actual}$	Medja annwali tal-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord vapur ikkalkulata għall-perjodu ta' rapportar rilevanti

b) **Bilanċ ta' konformità fir-rigward tal-kwota tal-RFNBO, skont l-Artikolu 4a(3)**

$CB_{RFNBO} [\% RFNBO]$ =	$(\% RFNBO_{quota} - \% RFNBO_{actual})$
---------------------------	------------------------------------------

Fejn:

CB_{RFNBO}	Bilanċ ta' konformità fir-rigward tal-kwota tal-RFNBO, skont l-Artikolu 4a(3)
$\% RFNBO_{quota}$	Kwota tal-RFNBO tal-enerġija medja annwali użata abbord vapur skont l-Artikolu 4(3) ta' dan ir-Regolament
$\% RFNBO_{actual}$	Perċentwal tal-enerġija medja annwali użata abbord irrapportata minn vapur li fil-fatt jiġi ssodisfat bl-RFNBOs konformi mal-Artikolu 9(1)(b)

B. Formula għall-kalkolu tal-penali stabbiliti fl-Artikolu 20(1)

a) **Penali ta' rimedju fir-rigward tal-bilanċ ta' konformità għall-intensità tal-gassijiet serra tal-vapur, skont l-Artikolu 4.2**

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

ANNEX V

FORMULI GĦALL-KALKOLU TAL-BILANĊ TAL-KONFORMITÀ U TAL-PENALI TA' RIMEDJU stabbiliti fl-Artikolu 20(1)

L-ammont tal-penali stabbiliti fl-Artikolu 20(1) għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

Penali =	$(\text{Bilanċ tal-konformità} / \text{GHGIE}_{\text{actual}}) \times \text{fattur tal-konverżjoni minn MJ għal tunnellati ta' VLSFO (41,0 MJ / kg)} \times \text{EUR 2 400}$
----------	-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

b) Penali ta' rimedju fir-rigward tal-kwota tal-RFNBO, skont l-Artikolu 4a(3)

L-ammont tal-penali ta' rimedju stabbilit fl-Artikolu 20(1a) għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

Penali ta' rimedju (RFNBO) =	$\text{abs}(\text{CB_RFNBO}) \times \text{Pd} \times 3$
------------------------------	----------------------------------------------------------

Fejn:

Penali ta' rimedju	f'EUR
$\text{abs}(\text{CB_RFNBO})$	Huwa l-valur assolut tal-bilanċ ta' konformità għall-RFNBO
Pd	Id-differenza fil-prezz bejn l-RFNBOs u l-fjuwils fossili kompatibbli mal-installazzjoni tal-vapur

Emenda 164

Proposta għal regolament

Anness Va (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

ANNEX Va

KALKOLU TAL-MASSA AĠĠUSTATA TAL-FJUWIL U TA' ENERĠIJA ADDIZZJONALI

L-ewwel nett, dan l-Anness jiddeskrivi kif tiġi kkalkulata l-massa aġġustata tal-fjuwil bl-użu tal-enerġija addizzjonali li tirriżulta mill-karatteristiċi tekniċi ta' vapur fi klassi ta' silġ IA jew IA Super jew fi klassi ta' silġ ekwivalenti 1a^(1a) u l-enerġija addizzjonali użata minn vapur fi klassi ta' silġ IC, IB, IA jew IA Super jew fi klassi ta' silġ ekwivalenti minħabba tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ. It-tieni, jispjega kif għandha tiġi kkalkulata l-enerġija addizzjonali.

Massa aġġustata [Mj A]

Il-massa tal-fjuwil aġġustata [Mi A] hija kkalkulata abbażi tal-enerġija addizzjonali użata għat-tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ u l-enerġija addizzjonali użata minħabba l-karatteristiċi tekniċi ta' vapur fi klassi ta' silġ IA jew IA Super jew fi klassi ta' silġ ekwivalenti. Il-kumpanija tista' tagħżel għal liema fjuwil i tiġi allokata l-enerġija addizzjonali. Il-fjuwil i magħżul għandu jkun wieħed mill-fjuwils li l-vapur ikun ikkonsma matul il-perjodu ta' rapportar. L-ammont tal-enerġija li jikkorrispondi għall-massa kkunsmata tal-fjuwil i jista' jkun inqas mill-ammont tal-enerġija addizzjonali.

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

Il-massa aġġustata [$M_i A$] tal-fjuwil i għandha tiġi kkalkulata kif ġej

$$M_{iA} = M_{i \text{ total}} - M_{i \text{ additional due to ice class}} - M_{i \text{ additional due to ice conditions}}, \quad (\text{Ax.1})$$

fejn M_i total hija l-massa totali tal-fjuwil i, M_i additional due to ice class il-massa tal-fjuwil minħabba l-konsum addizzjonali ta' enerġija ta' vapur fi klassi ta' silġ IA jew IA Super jew fi klassi ta' silġ ekwivalenti u M_i additional due to ice conditions il-massa tal-fjuwil minħabba l-konsum addizzjonali ta' enerġija minħabba tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ.

Il-massa tal-fjuwil i li tirrappreżenta l-konsum addizzjonali ta' enerġija minħabba l-karatteristiċi tekniċi ta' vapur fi klassi ta' silġ IA jew IA Super jew fi klassi ta' silġ ekwivalenti tiġi kkalkulata b'

$$M_{i \text{ additional due to ice class}} = \frac{E_{\text{additional due to ice class}}}{LCV_i}, \quad (\text{Ax.2})$$

fejn $E_{\text{additional due to ice class}}$ huwa l-konsum addizzjonali ta' enerġija minħabba l-karatteristiċi tekniċi ta' vapur fi klassi ta' silġ IA jew IA Super jew fi klassi ta' silġ ekwivalenti u LCV_i huwa l-valur kaloriku aktar baxx tal-fjuwil i.

Bl-istess mod, il-massa tal-fjuwil i li tirriżulta mill-konsum addizzjonali ta' enerġija minħabba tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ tiġi kkalkulata permezz ta'

$$M_{i \text{ additional due to ice conditions}} = \frac{E_{\text{additional due to ice conditions}}}{LCV_i}, \quad (\text{Ax.3})$$

fejn $E_{\text{additional due to ice conditions}}$ huwa l-konsum addizzjonali ta' enerġija minħabba tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ.

Enerġija addizzjonali minħabba l-klassi ta' silġ u minħabba tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ

Il-konsum addizzjonali tal-enerġija minħabba l-karatteristiċi tekniċi ta' vapur fi klassi ta' silġ IA jew IA Super jew fi klassi ta' silġ ekwivalenti għandha tiġi kkalkulata kif ġej

$$E_{\text{additional due to ice class}} = 0,05 \times (E_{\text{voyages, total}} - E_{\text{additional due to ice conditions}}), \quad (\text{Ax.4})$$

fejn $E_{\text{voyages, total}}$ tindika l-enerġija totali kkunsmata għall-vjaġġi kollha u $E_{\text{additional due to ice conditions}}$ il-konsum addizzjonali tal-enerġija minħabba tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ.

It-total tal-enerġija kkunsmata għall-vjaġġi kollha għandha tiġi kkalkulata permezz ta'

$$E_{\text{voyages, total}} = \sum_{i=1}^{n_{\text{fuel}}} M_{i, \text{voyages, total}} \times LCV_i + E_{\text{elect., voyages, total}}, \quad (\text{Ax.5})$$

fejn $M_{i, \text{voyages, total}}$ tindika l-massa tal-fjuwil i kkunsmat għall-vjaġġi kollha fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament, LCV_i l-valur kaloriku aktar baxx ta' fjuwil i u $E_{\text{elect., voyages, total}}$ l-ammont ta' elettriku kkonsenjat lill-vapur u kkunsmat għall-vjaġġi kollha.

Il-massa tal-fjuwil i $M_{i, \text{voyages, total}}$ ikkunsmata għall-vjaġġi kollha fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament hija kkalkulata b'

$$M_{i, \text{voyages, total}} = M_{i, \text{voyages between MS}} + 0,5 \times (M_{i, \text{voyages from MS}} + M_{i, \text{voyages to MS}}), \quad (\text{Ax.6})$$

fejn $M_{i, \text{voyages between MS}}$ tindika l-massa aggregata ta' fjuwil ikkunsmat waqt il-vjaġġi kollha bejn portijiet fil-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, $M_{i, \text{voyages from MS}}$ il-massa aggregata ta' fjuwil ikkunsmat waqt il-vjaġġi kollha li jkun telqu minn portijiet fil-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u $M_{i, \text{voyages to MS}}$ il-massa aggregata ta' fjuwil ikkunsmat matul vjaġġi lejn portijiet fil-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru. L-ammont ikkunsmat tal-elettriku kkonsenjat lill-vapur $E_{\text{elect., voyages total}}$ jista' jiġi kkalkulat bl-istess mod.

Il-konsum addizzjonali tal-enerġija minħabba tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ tiġi kkalkulata kif ġej

$$E_{\text{additional due to ice conditions}} = E_{\text{voyages, total}} - E_{\text{voyages, open water}} - E_{\text{voyages, ice conditions, adjusted}}, \quad (\text{Ax.7})$$

fejn $E_{\text{voyages, open water}}$ tindika l-enerġija kkunsmata waqt vjaġġi f'baħar miftuħ u $E_{\text{voyages, ice conditions, adjusted}}$ l-enerġija aġġustata kkunsmata f'kundizzjonijiet ta' silġ.

L-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022

L-enerġija kkunsmata għall-vjaġġi li jinkludu tbaħħir f'baħar miftuħ biss hija kkalkulata kif ġej

$$E_{\text{voyages, open water}} = E_{\text{voyages, total}} - E_{\text{voyages, ice conditions}}, \quad (\text{Ax.8})$$

fejn $E_{\text{voyages, ice conditions}}$ tindika l-enerġija kkunsmata għal tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ, li hija kkalkulata kif ġej

$$E_{\text{voyages, ice conditions}} = \sum_{i=1}^n M_{i, \text{voyages, ice conditions}} \times LCV_i + E_{\text{elect., ice conditions}}, \quad (\text{Ax.9})$$

fejn $M_{i, \text{voyages, ice conditions}}$ tindika l-massa tal-fjuwil i kkunsmat għat-tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ u $E_{\text{elect., voyages, total}}$ tirrappreżenta l-ammont tal-elettriku kkonsenjat lil vapur u kkunsmat meta jbaħħar f'kundizzjonijiet ta' silġ.

Il-massa ta' fjuwil i kkunsmat għal tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ hija definita kif ġej

$$M_{i, \text{voyages, ice cond.}} = M_{i, \text{voyages between MS, ice cond.}} + 0,5 \times (M_{i, \text{voyages from MS, ice cond.}} + M_{i, \text{voyages to MS, ice cond.}}), \quad (\text{Ax.10})$$

fejn $M_{i, \text{voyages between MS, ice cond.}}$ tindika l-massa aggregata ta' fjuwil ikkunsmat minn vapur bi klassi ta' silġ meta jbaħħar f'kundizzjonijiet ta' silġ bejn portijiet fil-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, $M_{i, \text{voyages from MS}}$ il-massa aggregata ta' fjuwil ikkunsmat minn vapur bi klassi ta' silġ meta jbaħħar f'kundizzjonijiet ta' silġ waqt il-vjaġġi kollha li jkunu telqu minn portijiet fil-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u $M_{i, \text{voyages to MS}}$ il-massa aggregata ta' fjuwil ikkunsmat minn vapur bi klassi ta' silġ meta jbaħħar f'kundizzjonijiet ta' silġ waqt vjaġġi lejn portijiet fil-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru. L-ammont ikkunsmat tal-elettriku kkonsenjat lill-vapur E ice conditions jista' jiġi kkalkulat bl-istess mod.

L-enerġija aġġustata kkunsmata f'kundizzjonijiet ta' silġ għandha tiġi kkalkulata permezz ta'

(1)

$$E_{\text{voyages, ice conditions, adjusted}} = D_{\text{ice conditions}} \times \left(\frac{E}{D} \right)_{\text{open water}}, \quad (\text{Ax.11})$$

bid-distanza magħmula waqt tbaħħir $\left(\frac{E}{D} \right)_{\text{open water}}$ onijiet ta' silġ Dice conditions u l-konsum ta' enerġija għal kull distanza magħmula f'baħar miftuħ.

Id-distanza magħmula waqt tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ Dice conditions għandha tiġi kkalkulata kif ġej

$$D_{\text{ice cond.}} = D_{\text{voyages between MS, ice cond.}} + 0,5 \times (D_{\text{voyages from MS, ice cond.}} + D_{\text{voyages to MS, ice cond.}}), \quad (\text{Ax.12})$$

fejn $D_{\text{voyages between MS, ice cond.}}$ tindika d-distanza aggregata magħmula waqt tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ bejn portijiet fil-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, $D_{\text{voyages from MS}}$ id-distanza aggregata f'termini ta' tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ waqt il-vjaġġi kollha li jkunu telqu minn portijiet fil-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u $D_{\text{voyages to MS}}$ id-distanza aggregata f'termini ta' tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ waqt vjaġġi lejn portijiet fil-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru.

Din tal-aħħar hija definita kif ġej:

$$\left(\frac{E}{D} \right)_{\text{open water}} = \frac{E_{\text{voyages, total}} - E_{\text{voyages, ice conditions}}}{D_{\text{total}} - D_{\text{ice conditions}}}, \quad (\text{Ax.13})$$

fejn $E_{\text{voyages, ice conditions}}$ tirrappreżenta l-konsum ta' enerġija waqt it-tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ u D_{total} id-distanza annwali totali magħmula.

Id-distanza annwali totali magħmula għandha tiġi kkalkulata kif ġej

$$D_{\text{total}} = D_{\text{voyages between MS}} + 0,5 \times (D_{\text{voyages from MS}} + D_{\text{voyages to MS}}), \quad (\text{Ax.14})$$

fejn $D_{\text{voyages between MS}}$ tirrappreżenta d-distanza aggregata magħmula bejn portijiet fil-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, $D_{\text{voyages from MS}}$ id-distanza aggregata magħmula waqt il-vjaġġi kollha li jkunu telqu minn portijiet fil-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u $D_{\text{voyages to MS}}$ id-distanza aggregata magħmula waqt vjaġġi lejn portijiet fil-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru.

(1^a) ^{1a} Għal aktar informazzjoni dwar il-korrispondenza bejn il-klassijiet tas-silġ, ara r-Rakkomandazzjoni 25/7 tal-HELCOM fuq <http://www.helcom.fi>.